**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Ġunju 2020

Rikors Numru: 217/2014 AL

**A B**

**f'isimu proprio u f'isem ibnu F**

**-vs-**

**C B D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fit-3 ta' Ottubru, 2014 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu fl-14 t' Awwissu 2009 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u immarkat bhala Dok A.

Illi minn dan iz-zwieg twieled wild bl-isem ta' F li twieled nhar it-12 ta' Lulju 2010  u li l-llum ghandu erba' snin.

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba abbandun sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra l-attur, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghall-ftehim bonarju ta' separazzjoni personali u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok B.

Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti jehtieg li tigi xolta u likwidata.

Talab ghar-ragunijiet premessi, li l-konvenuta tgħid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba abbandun, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra zewgha l-attur, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, u tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta.
2. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenuta titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attur u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenuta tkun tat lok illi ssir din is-separazzjoni.
3. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominand.
4. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.
5. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri F tigi affidata esklussivament lill-attur b'access ghall-konvenuta u fin-nuqqas access adegwat ghall-attur;
6. Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas ghall-minuri F manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta' l-istess minuri u l-mezzi tal-konvenuta, bil-modalita' ta' hin, lok, u gurnata ta' pagament li tigi ukoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zjieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenut

7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.
8. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkonsenja lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, l-oggetti parafernali tieghu u fin-nuqqas tikkundannaha thallas lill-attur l-valur taghhom kif jigi hekk likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.
9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut (fol. 20) li permezz taghha eċċepixxa :

1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti ghal pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta b'dan pero` li kien l-istess rikorrenti illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti;
2. Illi t-tieni talba hija opposta billi kien l-istess rikorrenti li gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg u ghalhekk m'hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati mir-rikorrenti u di piu` ir-rikorrenti ddekada minn sehemu ta' porzjon sostanzjali tal-gid komuni;
3. Illi t-tielet u r-raba` talba ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-gid komuni mhijiex opposta b'dan pero li kien ir-rikorrenti li gab it-tifrik taz-zwieg u s-sanzjonijiet invokati mir-rikorrenti, ghandhom minflok japplikaw kontrih;
4. Illi dwar il-kura u l-kustodja, il-hames talba hija opposta u l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti salv access tal-missier ghall-istess minuri;
5. Illi s-sitt talba, in kwantu tirreferi ghall-manteniment ghall-minuri, hija opposta in kwantu ghandu jkun l-istess rikorrenti li jhallas manteniment adegwat fil-konfront tal-minuri F lill-esponenti u in kwantu tirreferi ghal manteniment ghar-rikorrenti, hija opposta wkoll stante li r-rikorrenti ghandu mezzi sufficjenti biex imantni lilu nnifsu kif fil-fatt dejjem ghamel u f'kull kaz ir-rikorrenti ddekada mid-dritt tieghu li jitlob manteniment ghalih minhabba l-imgieba tieghu.

6. L-esponenti m'ghandha ebda gid parafernali propjeta tar-rikorrenti fil-pussess taghha u ghalhekk it-tmien talba ghandha tigi michuda.
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut kontra r-rikorrenti in rikonvenzjoni li permezz taghha ppremetta (fol. 22) :

(a) Illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta' Awwissu 2009 kif jirrizulta mic-certifkat taz-zwieg anness bhala Dok. A mar-rikors guramentat;
(b) Illi minn dan iz-zwieg twieled wild bl-isem ta' F nhar it-12 ta' Lulju 2010 ;
(c) Illi r-rikorrenti rrenda ruhu hati fil-konfront ta' martu l-esponenti ta' eccessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi u sevizzi b'rizultat li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibli tant li z-zwieg tkisser irremidjabbilment;
(d) Illi l-partijiet gew awtorizzati b'digriet tal-4 ta' Awwissu 2014 ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedu b'kawza fit-termini legali;

Talbet li r-rikorrenti in rikonvenzjoni jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u imputabbli lir-rikorrenti A B u ghall- finijiet tal-Artikolu 48( c ) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabilixxi data li minnha l-istess rikorrenti ghandu jkun ikkunsidrat hati tal-firda;
2. Tawtorizza lill-esponenti tghix separatament minn ma` zewgha r-rikorrenti u tawtorizzaha tirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali flimkien ma' binha F, ad eskluzjoni mill-istess dar tar-rikorrenti zewgha u dana b'applikazzjoni tal-Artikolu 55A tal-Kap. 16;
3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri F tigi fdata lill-esponenti esklussivament, salv access tar-rikorrenti ghall-istess minuri;
4. Tikkundanna lir-rikorrenti A B sabiex ihallas lill-esponenti martu retta alimentarja xierqa u adegwata ghaliha u ghall-imsemmi minuri, skont il-Ligi, pagabbli mir-rikorrenti skont il-modalitajiet li jigu ffissati minn dina l-qorti bil-provvediment ghal zieda perjodika sabiex

jaghmel tajjeb ghall-awent fl-gholi tal-hajja, liema retta alimentarja tithallas direttament mis-salarju percepibbli mir-rikorrenti jew minn kwalsiasi introjtu iehor;

5. Tapplika kontra r-rikorrent interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u tal-artikoli 51 sa 61 tal-Kodici Civili (Kap. 16);
6. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kompost kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti, liema porzjonjiet jigu assenjati wahda lill-esponenti u l-ohra lir-rikorrenti b'dan li jigu applikati s-sanzjonijiet imsemmija fil-hames talba, okkorrendo ghal finiiet ta' din it-talba, bi-nomina ta' periti nominandi
7. Tinnomina nutar sabiex jircievi l-atti tad-divizjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
8. Tikkundanna lir-rikorrent jikkonsenja lill-esponenti l-beni kollha parafernali taghha jew il-valur taghhom, illi jigu dettaljati fil-kors tas-smiegh tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti A B, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanta;

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta li permezz taghha espona (fol. 26) :

1. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet madankollu mhux bi htija tieghu izda bi htija tal-konvenuta.

2. Illi t-tieni talba ghandha tigi milqugha fis-sens illi l-Qorti tordna lill-partijiet jghixu separatament izda tichadha fis-sens illi ma jezistux l-estremi tal-ligi sabiex il-Qorti tawtorizza lill-konvenuta tghix esklussivament fl-imsemmi fond.

3. Illi t-tielet ghandha tigi michuda u dan peress illi mhux fl-interess tal-minuri illi l-kura u l-kustodja tigi affidata esklussivament f'idejn il-konvenuta.

4. Illi r-raba' talba ghandha tigi michuda stante illi l-konvenuta tista' tmantni lilha nnifisha. Fir-rigward tal-manteniment ghall-minuri, l-esponenti dejjem ikkontribwixxa ghall-manteniment ta' ibnu ukoll f'dan l-istadju pendente lite.

5. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda stante illi l-esponenti ma jahtix ghas-separazzjoni personali u ghalhekk id-dispozizzjonijiet l-artikoli msemmija f'talba numru 5, ma ghandhomx jigu applikati fil-konfront ta' l-esponenti.

6. Illi s-sitt talba ghandha tigi milqugha fis-sens illi tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti minghajr pero' l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imsemmija f'talba numru 5.

7. Illi s-seba' talba ghandha tigi milqugha.

8. Illi l-ebda beni parafernali tal-konvenuta ma jinsabu fil-pussess ta' l-attur, u kwindi din it-talba ghandha wkoll tigi michuda.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjonat;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, fejn fir-rikors promotur, intalbet is-separazzjoni personali, b'talba sabiex l-intimata tħallas manteniment adegwat għall-minuri F, b' talba sabiex il-Qorti tapplika kontra l-intimata d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll b'talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u l-likwidazzjoni tagħha billi

tinqasam f'żewġ porzjonijiet. Ir-rikorrent talab illi jiġi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri F. Saret ukoll kontro-talba da parti tal-intimata, fejn hija talbet s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, illi l-Qorti tafda l-kura u kustodja tal-minuri F esklussivament f'idejha, u li jiġi likwidat l-ammont ta' manteniment li għandu jitħallas mir-rikorrent rikonvenzjonat, għaliha u għall-minuri, saret talba għad-dekadenzi stipulati fl-artikolu 48 et seq tal-Kodici Ċivili kontra l-intimat, u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u sabiex issir il-qasma f'żewġ porzjonijiet, billi jsir att ta' diviżjoni.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti: Il-partijiet iżżewġu fl-14 ta' Awissu 2009, kif jidher mill-att taż-żwieġ esebit bħala Dok A mar-rikors promotur. Jirriżulta mill-proċess anness, li nbdew proċeduri ta' medjazzjoni kif jidher minn Dok B. Iżda l-medjazzjoni ma seħħitx. Jirriżulta wkoll, li minn dan iż-żwieġ twieled F fit-12 ta' Lulju 2010.

Illi permezz tad-digriet tad-29 ta' Jannar 2015, il-Qorti ħatret lill-Dr. Anna Mallia bħala Perit Legali f' din il-kawża, bis-soliti fakoltajiet.

Rat is-sentenza tagħha tal-15 t' Ottubru 2015 li permezz tagħha l-Qorti laqgħet it-talba tal-attur u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia, minnha maħluf fit-30 t' Ottubru 2018.

Semgħet ix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ser tipproduċi l-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Perit Legali fir-rapport tagħha:

"Kif qalet il-Qorti fil-kawza Marthese Vella pro et noe vs George Valla deciza mill-Prim Awla fit-28 ta' Frar 2003 "Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti ta' importanza minuri' (Catherina Agius vs Bendict Agius prim Awla, Qorti Civili 13 ta' Gunju 1967.

"*La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civili (llum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12) e' da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dale deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell-interesse manifesto del deponente, puo inferire dalla verosigiglianza del racconto, della corraborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecia i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personal dall'altro coniuge si volgono generalmenti entro il segreto delle pareti domestiche…*" (Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia, Prim Awla Qorti Civili 7 ta' Marzu 1919).

Il-Qorti allura trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha u taghtihom dak il-piz li hu normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari

**(1) Manteniment ghal minuri**

Illum il-gurnata l-minuri tal-partijiet ghalaq tmintax-il sena (data tat-twelied tieghu 12 a' Lulju 2010) u ghalhekk huwa maggorenni.

Permezz ta' digriet tal-4 ta' Awissu 2014 (fol 173 et) din l-Qorti fl-atti tal-medjazzjoni ordnat li pendente l-attur ihallas manteniment lil martu bhala manteniment pendent lite ghal minuri s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar b'effett mil-5 ta' Frar 2014 oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha u li tali manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Ordnat ukoll li r-residenza tal-minuri tkun mal-omm ad eskluzjoni tal-attur fid-dar matrimonjali u ordnat lill-attur jallontana ruhu mid-dar

matrimonjali. Ordnat ukoll li fid-dar jirrisjedu biss l-konvenuta u l-minuri ad eskluzjoni ta' terzi inkluz membri tal-familja.

Mix-xhieda ta' Karl Bonavia rapprezentant ta' Stainless Steel Limited (seduta 18.5.2015) jirrizulta li l-attur jahdem ma din il-kumpanija bhala polisher u li ilu jahdem maghhom bhala full time sa mis-sena 2011.

Mill-ahhar FS tieghu esebita fl-atti fl-istess seduta u li hija ghas-sena 2014 jirrizulta li huwa ghandu paga gross ta' €22764 fis-sena u ghandu cash allowance ghal karozza sa massimu ta' €2330 fis-sena. Netti ghandu madwar €22,000 fis-sena.

Mill-employment history sheet tal-attur (seduta 14.7.2105) jirrizulta li l-attur jahdem full time mas-socjeta Stainless Steel Products Limited sa mil-4 ta' Lulju 2011 u beda jahdem part time ukoll fl-1 ta' Ottubru 2012 ma' Jeffrey Zerafa bhala waiter.

Fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2017 xehed David Lombardo in rapprezentanza tal-istess socjeta Stainless Stell Products u pprezenta l-FS3's tal-attur ghas-senin 2015 u 2016 u l-payslips tieghu ghal week one sa week ten ghas-sena 2017 kif ukoll xehed li huma halsu lill-attur is-somma ta' €9108.50c wara incident li kellu fuq il-post tax-xoghol. Dan gie konfermat minn Anna Portelli in rapprezentanza ta' Argos Insurance (seduta 8.5. 2017) u li c-cheque ta' €9108.50c kien payable lil Dr Abigail Critien li kienet l-avukat tieghu fil-kawza 911/14 LM meta l-attur kien wegga fuq il-post tax-xoghol u Stainless Steel fejn jahdem l-attur kienu inxurjati ma' Argos Insurance. U fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2017 Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali pprezenta prospett tal-injury benefits li irceva l-attur mid-dipartiment. Fl-istess seduta tad-29 ta' Mejju 2018 l-attur xehed li mis-somma huwa thallas €8000 u xi haga ghax mis-somma thalset l-avukat Abigail Critien u fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2017 huwa pprezenta kopja tac-cheque li riceva minghand l-avukat Abigail Critien fl-ammont ta' €8451.48c.

Fl-istess seduta (24.3.2017) xehed Jeffrey Zerafa in rapprezentanza ta' El Catalan Restaurant li l-attur jahdem maghhom part time bhala waiter u pprezenta l-FS3's tieghu ghas-snin 2015 u 2016 u paylsips mil-1 ta' Jannar 2017 sal-ahhar ta' Frar 2017.

Mill-employment history sheet tal-konvenuta (seduta 11.6.2018) jirrizulta li hija tahdem bhala ghalliema full time mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u li sal-31 ta' Awissu 2009 hija kienet tahdem ukoll part time bhala waitress mal-Bacchus Company Limited.
Jirrizulta dan ukoll mix-xhieda ta' Maria Galea, Direttur Finanzi fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni li kkonfermat li l-konvenuta hija ghalliema mal-istess dipartiment u li skond l-FS taghha mil-1 ta' Jannar 2009 sas-sena 2014 u l-payslips tas-sena 2015 sa Settembru 2015 hija ghandha paga gross ta' €23,324.70c fis-sena li minnhom jithaqsu €2156.32c bolla u €2866 taxxa.
Fix-xhieda taghha (seduta 20.1.2017) il-konvenuta xehdet li hija tahdem bhala teacher mal-Education Department.
Mil-joint income tax return li kienu jimlew il-partijiet sas-sena tal-assessjar 2011 (Dok CIR VI seduta 14.7.2015) jirrizulta li bhala driver il-Freeport l-attur kellu paga ta' €25,583 fis-sena filwaqt li l-konvenuta kellha paga ta' €14,195 fis-sena. U fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2015 l-istess xhud pprezenta dokumenti li juru li mis-sena bazi 2012 l-partijiet gew kunsidrati bhala separati u bdew ihalsu taxxa bhala single u t-tnejn qeghdin bhala parent rate.
Fix-xhieda tieghu Saviour Theuma (seduta 13.11.2015) rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali xehed li stante li l-kura u kustodja tat-tifel hija kongunta l-mara kienet qed tircevi nofs ic-children's allowance bazat fuq il-paga taghha u nofs jirceviha r-ragel u tinhadem fuq il-paga tieghu. Minn Dok DSS (a) prezentat fl-istess seduta jirrizulta li l-mara fis-sena 2015 irceviet €230.79c bhala children's allowance. (din hija l-ahhar sena prezentata fl-atti.)
Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2017 rega xehed Saviour Theuma li l-beneficjarja tat-tifel tal-partijiet F B hija l-partner tal-attur ghal dak li jirrigwarda sehemu u s-sehem l-iehor tircevieh omm it-tfiel. Bilfors tidhol l-partner ghax ic-childrens allowance hija means tested u tinhadem fuq l-introjtu ta' dik il-household. Huwa pprezenta prospett tal-injury benefits li irceva l-attur.
Fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2016 rega xehed rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali Joseph Chircop li kkonferma li nofs ic-children's allowance tal-minuri tigi versata favur l-attur pero jidhlu fil-kont tal-partner tieghu u mhux fil-kont tieghu ghax din hija l-procedura tad-dipartiment.

Il-mara tikkontendi li zewgha ghandu wkoll jikkontribwixx ghal nofs l-ispejjez extra kurrikulari ta' attivita wahda fis-Sajf wahda fix-Xitwa. Izda illum it-tifel huwa maggorenni u ghalhekk din it-talba hija sorvolata.

Fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2017 il-konvenuta pprezenta l-kuntratt ta' l-akwist tal-fond li l-attur xtara mal-partner tieghu G H fis-6 ta' April 206 atti Nutar Antonella Navarro li permezz tieghu huma sselfu s-somma ta' €85,000 mil-Bank of Valletta ghal akwist tal-fond li jinsab numru XX liema fond gie akwistat ghal prezz ta' €55,000 u li skond l-konvenuta l-attur qed ihallas house loan ta' €216.06 u €170.91 li jinkludi l-life insurance apparti l-home insurance, bejnu u l-partner tieghu fix-xahar u pprezentat l-loan calculation li johrog l-istess bank Dok L .

<u>Fl-umli fehma tal-esponenti, ghalhekk , l-manteniment li ghandu jippercepixxi r-ragel versu ibnu ghandu jibqa dak stabilit mil-Qorti, ermezz ta' digriet tal-4 ta' Awissu 2014 (fol 173 et) cioe s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha u li tali manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja</u>. Dan tenut kont li d-dhul tal-partijiet huwa verosimili.

U dan kemm il darba it-tifel jibqa jirrisjedi mal-Omm u kemm-il darba t-tifel imur jghix ghal rasu waqt li jkun ghadu jistudju full time tali manteniment jibda jithallas direttament lit-tifel u jekk it-tifel imur jghix mal-missier, tali manteniment jibda jkun dovut mill-omm. F'kull eventwalita tali manteniment jibqa dovut sakemm t-tifel jibqa jistudja full-time jew sal-eta ta' tlieta (23) sena liema wahda tavvera ruhha l-ewwel. Nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha jibqghu dovuti mil-partijiet b'mod ugwali bejniethom sakemm it-tifel jibqa jistudja full-time jew sal-eta ta' tlieta (23) sena liema wahda tavvera ruhha l-ewwel.

**(2) Arretrati spejjez tat-Tifel**

Il-konvenuta (fol 10 et affidavit taghha seduta 3.7.2017) tghid li sa' Gunju 2017 (Para C Il-Manteniment tat-Tifel) huwa ghandu jaghtiha is-somma ta' €180.31 nofs l-ammont li hargitlu ta' spejjez relatati ma edukazzjoni u sahha tat-tifel.

Tali spejjez huma dovuti mir-ragel lil mara u fl-umli fehma tal-esponenti tali spejjez hemm bzonn li l-Qrati taghna jibdew jordnaw li dawn ikunu bl-imghax legali tal-anqas mis-sena li saru dovuti tenut

kont li dawn huma spejjez ghal gid tat-tifel tal-partijiet u li kieku ma kienx ghall-omm kieku t-tifel kien ibghati.

**(3 ) Kura u kustodja tal-minuri**

Din illum hija sorvolata tenut kont li t-tifel tal-partijiet illum huwa maggorenni.

**(4) Manteniment lil partijiet**

Il-partijiet it-tnejn illum stabilew relazzjoni ma haddiehor u anke ghandhom wild minn din ir-relazzjoni u ghalhekk ma hemmx lok ghal manteniment ghal ebda parti.

**Xoljiment tal-komunjoni tal-akwisti**

Permezz tas-sentenza taghha tal-15 ta’ Ottubru 2015 din l-Qorti ordnat l-waqfien tal-komunjoni tal-akwisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 b’effett mil-15 ta’ Ottubru 2015.

**(5) Vetturi**

A fol 228 l-konvenuta tikkontendi li fiz-zwieg l-attur xtara s-segwenti vetturi:

Vettura Ford Escort LAM-787 inxtrat fit-18 ta’ Settembru 2013 u hija ggaraxxjata

Vettura Ford Cortina GAD 479 inxtrat fis-6 ta’ Jannar 2010 u ghandha tinstaq

Vettura JAP 127 Ford Escort inxtrat fit-28 ta’ Marzu 2013 u inbieghet fis-27 ta’ Novembru 2012

Vettura LAF 298 Ford Transit inxtrat fl-24 ta’ Settembru 2010 u inbieghet fit-1 ta’ Frar 2014. Afol 238 l-attur ipprezenta icevuta li turi li huwa dahhal seba mitt ewro €700 mill-bejgh ta’ tali vettura.

Vettura JBD 139 Ford Escort inxtrat fil-25 ta’ Marzu 2011 u inbieghet fl-14 ta’ Ottubru 2013. A fol 239 l-attur ipprezenta ircevuta biex juri li dahhal tlett mitt ewro (€300) mil-bejgh ta’ tali vettura.

A fol 240 l-Qorti hatrek lil **Q Camilleri** bhala ‘car assessor’ u a fol 314 huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu u stmaha dawn il-vetturi kif gej:

Ford Escort numru ta’ registrazzjoni LAM787 €500;
Ford Cortina numru ta’ registrazzjoni GAD479 €2500;
Ford Escort numru ta’ registrazzjoni JAP127 - €1000;
Ford Transit numru ta’ registrazzjoni LAF298 €2000;
Ford Escort numru ta’ registrazzjoni JBD-139 €1000.

Skond ix-xhieda ta Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta (seduta 24.3.2017) l-vettura JTR 084 hija tal-ghamla Hyundai Accent u l-vettura MAD-160 hija tal-ghamla Hyundai Lantra u t-tnejn ghadhom licenzjati fit-triq. Il-vettura JTR 094 ilha registrata fuq terzi mis-sena 2005 filwaqt li l-vettura l-ohra cioe MAD-160 l-ewwel darba li giet registrata kien fl-10 ta' Settembru 1999 u giet registrata fuq terzi wkoll. L-ahhar transfer li kellha l-vettura MAD 160 kien fl-14 ta' Jannar 2016. Ix-xhud ipprezenta wkoll lista ta' vettura li kellu u li ghandu fil-prezent fuq ismu l-attur.

Il-perit legali ma ghandhiex ghalfejn tiddubita l-istimi moghtija mill-espert tal-Qorti u ghalhekk fil-fehma taghha l-attur ghandu jghaddi lil konvenut is-somma ta' €3500 nofs il-valur ta' dawn il-vetturi.

Veru li l-attur ipprezenta dokumenti li juru li l-vetturi LAF298 u JBD-139 €1000 huwa bieghhom anqas, izda ta' dan ma ghandhiex tbaghti l-konvenuta. Dwar il-vetturi JTR-094 u MAD-160 licenzjati fuq terzi ebda prova ma ngabet li turi li tali vettura JTR-094 tappartjeni lill-attur.

Mentri dwar l-vettura MAD-160 il-konvenuta pprezenta Dok 25 (seduta 3.7.2017) sett ta' ritratt u messaggi fuq facebook biex turi li din l-vettura hija effettivament tal-attur. Tenut kont li din l-vettura ilha registrata fuq terzi qabel ma zzewgu l-partijiet u li l-messaggi esebiti f'Dok 25 juru bic-car li tali vettura effettivament tappartjeni lill-attur ghax kieku ma jmurx jiddandan biha, hija l-fehma tal-perit legali li tali vettura ghandha ssir stima taghha tal-15 ta' Ottubru 2015 meta giet xolta l-komunjoni tal-akkwisti u l-attur jghaddi nofs il-valur ta' din il-vettura lill-konvenuta.

**(6) Kera ta' garage li jinsab numru XX**

Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2017 xehed Michael Axisa in rapprezentanza tas-socjeta laylay Company limited li kkonferma li huwa jikri lill-attur l-garage li jinsab numru 32 Triq Guzeppi Garena Ghaxaq bil-kera ta' €460 fis-sena u pprezenta kopja tal-kuntratt ta' kiri ta' dan il-garage li turi li l-kirja bdiet mid-29 ta' Settembru 2016 u xehed ukoll li jista jkun li kellu kera qabel.

Fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2018 rega xehed Michael Axisa in rapprezentanza tas-socjeta Laylay Company Limited li ipprezenta skrittura tal-kera tal-istess garage datata 29 ta' Lulju 2016 u ddikjara

li l-kera ghadha vigenti u taghlaq 29 ta' Lulju 2019. Qabel id-29 ta' Lulju 2016 l-garage kien ukoll mikri pero ma nafx ghal kemm zmien. Ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akwisti bejn il-partijiet ilha in vigore mil-15 ta' Ottubru 2015 u ghalhekk ebda somma mil-kera imhalsa ma hija dovuta lill-mara filwaqt li dwar l-kera imhalsa qabel id-29 ta' Lulju 2016 ebda prova dwar l-ammont ta' kera u l-perjodu ta' din il-kera ma ingabet u ghalhekk ma ngabet ebda prova fir-rigward.

(7)**Immobbli**

(a) fond XX

Mill-atti jirrizulta li tali fond llum inbiegh permezz ta' kuntratt tal-31 ta' Mejju 2017 atti Nutar Antonella Navarro (dok 26 anness mal-affidavit tal-konvenuta seduta 3.7.2017) ghal prezz ta' €175,000 inkluz il-mobbli.

Skond l-istess kuntratt l-partijiet ircevew is-somma ta' €17,500 u li l-konvenuta obligat ruhha li thallas l-kontijiet tad-dawl u ilma pendenti sal-31 ta' Mejju 2017.

A fol 276 jirrizulta li permezz ta' cedola ta' depozitu numru 93/2017 in-Nutar Antonella Navarro ddepozitat is-somma ta' €41,879.22 li minnhom €588.46 huma spejjez tal-Qorti u ghalhekk is-somma netta depozitata hija ta' €41,290.76.

(b) zewg garixxijiet fi XX

Il-partijiet ghandhom ukoll f'sehem indiviz bejniethom zewg garaxxijiet t-tnejn jinsabu fl-istess triq cioe wiehed jinsab 39 garage numru XX u l-iehor jinsab garage numru 39 garage numlu XX

Dwar il-garage ta' taht id-dar cioe numru 39, garage numru 3 XX l-istess Perit Farrugia stmah bhala li ghandu valur ta' tmienja u ghoxrin elf ewro (€28,000) u l-garage l-iehor li jinsab numru 39, garage numru XX ghandu valur ta' tnejn u ghoxrin elf ewro (€22,000) (kuntratt tal-akwist Nutara Sandra Bugeja 13 ta Jannar 2012 Dok 23 seduta 3.7.2017) . Tali stimi saru fl-20 ta' Jannar 2014 u gew mahlufa mill-Perit Johann Farrugia fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2015. Fin-nota guramentata tieghu (seduta 11.6.2015) l-attur jiddikjara li huwa jixtieq li tali fond u garaxxijiet jinbieghu, jithallas id-dejn li hemm fuq dawn iz-zewg proprjetajiet u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Illum il-fond inbiegh u jonqos biss dawn iz-zewg garaxxijiet x'jinbieghu.

Fl-istess seduta tal-20 ta' Jannar 2017 il-partijiet iddikjaraw li jaqblu li l-garage ta' taht id-dar (garage numru 3) ghandu valur ta' sebgha u tletin elf ewro (€37,000) filwaqt li l-garage l-iehor (garage numru 2) ghandu valur ta' tletin elf ewro (€30,000) u li ghandhom jinbieghu u mir-rikavat ghandhom jithalsu s-somma ta' €3800 lil missier il-konvenuta u oht il-konvenuta VV D konguntivament (skond kif ser tirrelata dwar dan il-perit legali f'paragrafu 10 Ta' din ir-relazzjoni ) u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet .

**(9) Kontijiet tal-utilitajiet**

Kontijiet tad-dawl u ilma fuq dawn it-tlett proprjetajiet gew prezentati minn Reuben Bonnici rapprezentant tal-Arms Limited (seduta 20.1.2017). Dwar il-kont ta' dik li kienet id-dar matrimonjali tal-partijiet, l-kont pendenti thallas mill-konvenuta kif hemm imnizzel fil-kuntratt li permezz tieghu l-partijiet bieghu din il-proprjeta.

Dwar il-kontijiet taz-zewg garaxxijiet l-ohra hija l-umli fehma tal-esponenti li dawn ghandhom jithalsu mill-attur tenut kont li kien jaghmel uzu minnhom tista tghid huwa biss u sakemm jinbieghu ghandhom jibqghu jithalsu esklussivament mill-attur jekk jibqa jaghmel uzu minnhom huwa biss.

**(10)Dejn mal-familjari tal-konvenuta**

Fl-affidavit taghha l-konvenuta (seduta 3.7.2017) tghid li meta xtraw id-dar fil-25 ta' Mejju 2006 atti Nutar VV Pool, (dok 21 seduta 3.7.2017) l-genituri taghha selfuhom LM6,000 cioe €13,976.24 cioe LM3000 kull wiehed li thalsu direttament lil bejjiegha L M u li hija taghha halstihom lura lil genituri taghha, anzi halsithom €1388 zejda stante li halsithom €6988.12 meta fil-fatt kellha thallashom skond hi €5,600.

Il-perit legali ma tistghax taqbel mal-konvenuta f'dan ir-rigward stante li nofs is-somma dovuta minnha kien ta' €6988.12 (la s-self kien ta' LM3000 cioe €13,976.24) u ghalhekk ebda ammont ma hija halset zejjed.

Dwar l-allegat sehem l-atturi, jirrizulta li l-genituri tal-konvenuta kellhom jifthu kawza kontra l-attur li ghadha pendenti quddiem il-Magistrat Dr C Farrugia Frendo.

Bhala dejn l-genituri tal-partijiet ipprezentaw skritturi ta' self ta' LM6000 datata 23 ta' Mejju 2006 li ghamlu lil partijiet meta xtraw id-dar matrimonjali ( Dok 17 seduta 3.7.2017) u self iehor li sar minn

missier u oht il-konvenuta VV lill-attur fl-ammont ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3800) biex ikun jista l-garage li jinsab f'livell semi basement fiz-Zejtun.

Galadarba hemm kawza pendenti dwar s-self li l-genituri tal-konvenuta allegatament selfu lill-attur qabel iz-zwieg sabiex il-partijiet ikunu jistghu jixtru d-dar matrimonjali, l-perit legali mhix ser tidhol f'din il-kwistjoni.

Dwar is-self l-iehor ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) li missier u oht il-konvenuta VV D jghidu li selfu lill-attur biex jixtri t-tieni garage, bhala provi gie prezentat l-kuntratt tal-akwist tat-13 ta' Jannar 2012, il-pagament li sar lil bejjiegh J K fl-ammont ta' hdax il elf u mitejn ewro (€11,200) liema cheque hareg mil-kont tal-konvenuta u x-xhieda tal-konvenuta, u ta' missierha u ohtha VV D (seduta 24.3.2017, u 3.7.2017).

Ghalkemm il-konvenut jichad dan kif jichad is-self ukoll li allegatament sar fid-dar matrimonjali, fl-umli fehma tal-perit legali hija taghzel biex temmen lill-konvenuta , lil missierha u lil ohtha VV meta xehdu dwar dan is-self u li ghalhekk tali somma hija dovuta mil-partijiet.

<u>Ghaldaqstant meta jinbiegh dan il-garage li jinsab numru garage 39 garage numru 1 XX, mir-rikavat l-ewwel jithalsu missier u oht il-konvenuta VV D is-somma ta' €3800 u l-bilanc jinqasam ugwalment bejn il-parti</u>

**(11) Kreditu parafernali tal-konvenuta**

(a) Pagament li sar minnha fix-xiri tal-ewwel garage

Dwar il-garage li jinsab taht id-dar, l-konvenuta (affidavit taghha seduta 3.7.2017) tghid li f'Mejju 2006 hija tat LM100 cioe €232.94 lil L M biex rabtuh jerfghalhom l-garage u hekk sar u fil-21 ta' Mejju 2007 sar il-kuntratt u minnhom hija harget LM8,900 cioe €20,731.42 liema ammont kien gie trasferit mis-Savings Account personali taghha ghal Current Account taghha u nhareg cheque HSBC no 000003 bis-somma ta' LM8,900 indirizzat lil L M.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici harget cheque datat 21 ta' Mejju 2007 mil-kont personali taghha numru XXXXX fl-ammont ta' LM8900 cioe €20,731.42c u li skond dok HSBC A (seduta 8.5.2017) jirrizulta dan.

Ghaldaqstant l-ammont ta' €20,731.42c huwa dovut lill-attrici mil-konvenut meta jinbiegh dan il-garage.

(b) pagament li sar max-xiri tat-tieni garage

Fl-affidavit taghha (seduta 3.7.2017) il-konvenuta tikkontendi li meta zewgha fit-13 ta' Jannar 2012 thajjar jixtri garage iehor il fuq mid-dar huwa rega dar fuqha u fuq missierha u ohtha biex jisilfuh l-flus. Hija harget €11,200 (HSBC cekk No 000050 mil-kont nru 54144761001 dok 20 seduta 3.7.2017)) indirizzat lil J K li kienu mfadlin qabel iz-zwieg u missierha u ohtha selfuh LM3,800 biex setgha jinxtara l-garage ghas-somma ta' €15,000.

Minn dok HSBC 'A' (seduta 8.5.2017) jirrizulta li dan l-kont jghajjat lil konvenuta u infetah fit-2 ta' Marzu 2007 cioe qabel ma zzewget fl-14 ta' Awissu 2009. Minn li statement ta' l-istess kont jirrizulta li ghamlet transfer fl-10 ta' Ottubru 2009 mil-kont numru 074082280-050 ta' €9,155 u li minn dan il-kont dok HSBC 'B' jirrizulta li sal-14 ta' Awissu 2009 l-mara kellha l-bank €11,882.55c.

Li ghalhekk l-attrici ppruvat li s-somma ta' €11,200 huma parafernali taghha u ghalhekk ghandha tithallas taghhom mal-bejgh ta' dan il-garage. Veru li fil-kuntratt jirrizulta li l-garage gie mixtri ghas-somma ta' €11,200 izda veru wkoll skond l-kuntratt tal-akkwist thalsu €560 boll, u €1344 taxxa mil-qliegh kapitali oltre l-ispejjez tan-nutar u ma jirrizultax li dawn thalsu mil-kontijiet bankarji tal-partijiet.

(c) pagamenti fil-HSBC Life Assurance (Malta)

Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2017 Aronne Attard in rapprezentanza tal-HSBC Life Assurance (Malta) Limited xehed li l-partijiet ghandhom life insurance konnessa mal-home loan u pprezenta rendikont tal-pagament kollha li saru liema pagamenti saru minn kont numru XXXXX u l-ammont li jithallas fis-sena huwa ta' €275.03c fis-sena u ghadu jithallas sal-lum u beda jithallas minn April 2006 u l-ahhar li thallas kien f'April 2017. Huwa pprezenta d-direct debit li kienu ffirmaw u kopja tal-polza u l-premium li thalset.

Fl-istess seduta l-konvenuta ddikjarat li l-kont numru XXXXXXX huwa kont savings taghha (haga mhux kontradetta mill-attur) u li l-attur qatt ma hallas din il-polza.

Fl-affidavit taghha l-konvenuta (seduta 3.7.2017) ddikjarat li l-Life u l-House Insurances mis-sena 2006 sas-sena 2017 dejjem hargu mis-Savings Account taghha tal-HSBC u kull sena hija kienet thallas

€116.47 li mis-sena 2015 l-ammont zdied ghal €117.82 kull sena ghal Home Insurance tad-dar matrimonjali u €275.03 ghal Life Insurance ta' zewgha u taghha. Zewgha qatt ma hallas xejn minn dawn il-pagamenti b'total ta' €3,025.33 f'Life Insurances u €1,285.22 f'House Insurance.

Mil-provi jirrizulta dan l-kont huwa f'isem il-konvenuta Dok HSBC 'B' (seduta 8.5.2017) u li mil-kont taghha ghamlet pagamenti ta' €275.03 fid-9 ta' April 2008, fid-9 ta' April 2009 u fid-9 ta' April 2010,

Il-partijiet izzewgu fl-14 ta' Awissu 2009 u ghalhekk l-attur ghandu jghaddi lill-attrici l-ammont ta' zewg pagamenti cioe €550.06 stante li t-tielet pagament saret meta hija kienet mizzewga.

Dwar il-pagamenti l-ohra li saru sussegwentement sakemm inbieghet id-dar, veru li baqghu isiru dawn il-pagamenti ta' €275.03 fis-sena u veru wkoll li kienu jsiru mil-kont tal-attrici Dok HSBC B kont numru 074082280050 izda dok HSBC B ghandu statements sat-18 ta' Gunju 2010 u ghalhekk il-perit legali ma tistghax tirrelata jekk dawn il-pagamenti sarux mil-flus li kellha l-konvenuta qabel iz-zwieg.

Ghaldaqstant l-attur ghandu jghaddi lil konvenuta s-somma ta' hames mija u hamsin ewro u sitt centezmi (€550.06).

Dwar il-pagamenti l-ohra li l-konvenuta tghid li ghamlet ma saritx prova li dawn hargu minn flus parafernali taghha u ghalhekk hargu mil-komunjoni tal-akwisti.

(d) Pagamenti tal-home insurance

Fl-affidavit taghha l-konvenuta (seduta 3.7.2017) ddikjarat li l-Life u l-House Insurances mis-sena 2006 sas-sena 2017 dejjem hargu mis-Savings Account taghha tal-HSBC u kull sena hija kienet thallas €116.47 li mis-sena 2015 l-ammont zdied ghal €117.82 kull sena ghal Home Insurance tad-dar matrimonjali u €275.03 ghal Life Insurance ta' zewgha u taghha. Zewgha qatt ma hallas xejn minn dawn il-pagamenti b'total ta' €3,025.33 f'Life Insurances u €1,285.22 f'House Insurance.

Il-partijiet izzewgu fl-14 ta' Awissu 2009 u ghaldaqstant l-attrici hija dovuta tlett pagamenti ta' €116.47 kull wiehed cioe s-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41c) mill-attur.

Dwar il-pagamenti l-ohra li l-konvenuta tghid li ghamlet ma saritx prova li dawn hargu minn flus parafernali taghha u ghalhekk hargu mil-komunjoni tal-akwisti.

( e) Pagamenti ta' miljorament fil-fond matrimonjali
Il-konvenuta tikkontendi li d-dar giet akwistata fil-25 ta' Mejju 2006 meta l-partijiet kienu ghadhom mhux mizzewga li bejn l-perjodu mid-19 ta' Lulju 2007 sat-2 ta' Lulju 2008 hija harget is-somma ta' €7,273.33 mill-assi parafernali taghha u pprezentat dan ir-rendikont u dokumenti li juru dan:
Cekk nru 000004 datat 19 ta' Lulju 2007 fl-ammont ta' Lm125 cioe €291.17 favur FGB limited ghal bieb tal-garaxx taht id-dar matrimonjali
Cekk nru 000007 datat 4 ta' Settembru 2007 fl-ammont ta' LM624 cioe €1453.53 favur Tatara bathrooms ghal madum u skirting
Cekk nru 000008 datat 30 ta' Jannar 2008 fl-ammont ta' €2628.63 favur fino deposit ghal kcina
Cekk nru 000010 datat 15 ta' Marzu 2008 fl-ammont ta' €860 favur Simon Zammit tile layer
Cekk nru 000012 datat 2 ta' Lulju 2008 fl-ammont ta' €2040 favur Demsey Aluminium ghal aluminium, aperturi u railings.
<u>Dawn l-ammonti jirrizulta li thalsu minn Dok HSBC 2 ( seduta 8.5.2018) u li hargu mill-konvenuta qabel iz-zwieg u ghalhekk l-konvenut ghandu jghaddilha nofs dawn l-ammonti li jlahqu s-somma ta' €7275.33c u ghalhekk huwa ghandu jghaddilha noqshom cioe €3637.66c. Veru li l-attur xehed anke in kontro ezami li huwa kien jghaddilha sehemu fi flus kontanti izda prova ta' dan qatt ma ngabet.</u>
L-attrici tghid ukoll  li harget ukoll is-somma ta' €2891.92 bollol li thalsu lid-Dipartiment tat-Taxxa u spejjez tal-bank cioe LM1241.50c li thalsu minnha permezz ta' cekk data 15 ta' Gunju 2006 li nhareg mil-kont Savings parafernali taghha u pprezentat l-ircevuta 195489 Dok F . b'kollox ghalhekk hija tikkontendi li ghandha tieghu €10,165.25c.
<u>Illi minn Dok Hsbc 'B' jirrizulta li l-attrici harget dan l-ammont ta' LM1241.50c cioe €2892.69c u ghalhekk stante li dawn il-flus hargu mil-flus parafernali taghha l-attur ghandu jghaddilha n-nofs cioe €1446.34c.</u>

Hija tghid li l-finishings l-ohra tad-dar matrimonjali thalsu mil-loan li l-partijiet kienu hadu ghald awn il-finihings.

**(12) Kreditu parafernali tal-attur**

Mil-kontijiet bankarji esebiti jirriuzlta li l-attur sal-gurnata taz-zwieg l-14 ta' Awissu 2009 kellu fil-kont HSBC B €481.84c, kellu dejn HSBC E sal-istess data ta' €2364.51 liema dejn thallas fiz-zwieg, u visa account.

Li ghalhekk veru li sakemm izzewweg fl-14 ta' Awissu 2009 huwa kellu kreditu parafernali huwa kellu €481.84c izda kellu wkoll dejn ta' €2364.51 mal-HSBC li thallas fiz-zwieg u ghalhekk huwa ghandu jghaddi lil mara s-somma ta' €700.41( nofs is-somma ta' €2364.51 minus €481.84c) lil mara.

**(12) kontijiet kongunti**

Il-kontijiet kongunti ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Check docs missing bov u hsbc seduta 14.7.2015**

**Dawn ghandhom**

**(13)Mobbli**

Mobbli li kienu jinsabu fid-dar matrimonjali u li jappartjenu l-komunjoni tal-akwisti

Fin-nota guramentata tieghu (seduta 11.6.2015) l-attur jghid li s-segwenti mobbli inxtraw fiz-zwieg bis-segwenti valuri:

Kamra tas-sodda €2500
Kamra tas-sodda tat-tifel €1800
Kcina €9000
Vetrina li tinsab fis-salott €233
Linfa tal-kamra tas-sodda €85
Gwardarobba loose €385
Linef tal-kcina u tas-salott €350
Kolonna dekorattiva €45
Zewg televisions €550
Dvd player €35
Kenwood appliance €180
Set toaster u kitla €35
Washing machine €170
Gwardarobba bajda €100

Dwardarobba kannella €120
Effetti ohta ta’ dekorazzjoni tad-dar bhala tapiti u purtieri
Effetti ta’ uzu personali bhal xugamenti, kutri u cutlery.

l-attur jghid fl-istess nota li huwa jixtieq li dawn jinqasmu bi ftehim mal-konvenuta u kulhadd jiehu bejn wiehed u iehor l-istess valur u fin-nuqqas l-oggetti jinbieghu mad-dar matrimonjali.

l-attur fin-nota guramentata tieghu (seduta 11.6.2015) jikkontendi li s-segwenti mobbli huma parafernali tieghu:

Presepju
Statwi tenjn suwed u ohra ta’ Afrodite\vlegga Afrikana
Akwarjum
Cabinet
Sellum
Salott
Hames vetrini tal-kollezzjoni tal-karozzi
Magna tal-qtugh tax-xaghar
Shaver tal-lehja
Laptop

Effetti personali ta’ valur sentimentali fosthom xi keychains u souvenirs.

<u>Fis-seduta tal-20 ta’ Jannar 2017 il-partijiet iddikjaraw li qablu li r-ragel jigi assenjat l-akwarju u l-erba vetrini vojta li jinsabu fis-salott, l-ghodda u s-sellum u l-bqija kollox jigi assenjat lil mara.</u> Ghaldaqstant l-perit legali fuq dan ma ghandha xejn x’izzid u li ghalhekk il-mobbli ghandhom jinqasmu kif gie miftiehem bejn il-partijiet.

**(14) Assi parafernali tal-attur**

A fol 277et jirrizulta li permezz ta’ kuntratt tas-6 ta’ April 2016 atti Nutar Antonella Navarro l-attur flimkien ma’ G H xtraw il-fond li jinsab numru 45 gia numru 23 XX u l-partijiet hadu loan mil-Bank of Valletta.

Fis-seduta tad-29 ta’ Mejju 2017 l-konvenuta ddikjarat li fil-31 ta’ Mejju 2017 ser isir il-kuntratt ta’ bejgh tal-fond li jinsab 37 Aphrodite Triq Hal gwann zejtun u li hija kienet sejra tghix temporanjament fid-dar tal-genituri taghha H’K.

**(15) Kontijiet bankarji**

Skond ix-xhieda ta' Alison Mifsud Brimmer in rapprezentanza tal-Hsbc (Malta) plc (seduta 8.5.2017) xehdet li mil-1 ta' Jannar 2006 sad-9 ta' Awissu 2009 fuq l-mara sabet zewg kontijiet (hsbc (a) u (b) u fuq ir-ragel sabet erba kontijiet (USBC ( c) sa Hsbc (f) rigward l-istess perjodu u kif ukoll kont kongunt home loan f'isem iz-zewg partijiet (Dok HSBC (g).

Hija l-fehma tal-perit legali li kull parti ghandha zzomm il-kont fuq isimha. Il-kont kongunt stante li nbiegh l-fond matrimonjali u thallas il-house loan illum huwa maghluq

Skond ix-xhieda ta' Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC (Malta) plc (seduta 14.7.2015) l-attur kellu erba kontijiet (HSBC (a) sa HSBC (4) u l-mara wkoll kellha erba kontijiet (HSBC (5) sa HSBC (8) u konguntivament kellhom kont wiehed u dan sat-3 ta' Lulju 2015 (HSBC (9).

Skond ix-xhieda ta' Renzo Gonzi (seduta 14.7.2015) in rapprezentanza tal-bank of Valletta huwa xehed li fuq ir-ragel sab zewg kontijiet (Dok Bov 1 u Dok Bov 2) u fuq l-mara sab zewg kontijiet.

Skond Joanna Bartolo minn l-istess bank (seduta 29.5.2017) xehdet li l-attur sal-15 ta' ottubru 2015 ma kellux facilitajiet bankarji mal-istess bank.

<u>Il-perit legali tirrileva d-dokumenti esebti mir-rapprezentant tal-HSBC (Malta) plc u mil-Bank of Valletta fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2015 ma jirrizultawx li qeghdin fil-pussess tal-perit legali u mil-verbal tal-istess seduta jirrizulta li dawn ghaddew lil Dr Ludwig Caruana l-avukat tal-attur. Izda meta l-perit legali saqsiet lill-avukat taz-zewg partijiet huma infurmawha li dawn ma humiex fil-pussess taghhom. Il-perit legali hija tal-fehma u dan dejjem jekk jaqblu l-partijiet li kull parti tigi assenjata kull kont bankarji intestat fuq isimha. Fin-nuqqas il-perit legali terga zzomm seduta limitatament sabiex jergghu jigu prezentati dawn id-dokumenti mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta u tal-HSBC (Malta) plc.</u>

**(16)Kumpens lill-attur wara korriment fuq il-post tax-xoghol**

Fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2017 xehed David Lombardo in rapprezentanza tal-istess socjeta Stainless Stell Products u xehed li huma halsu lill-attur is-somma ta' €9108.50c wara incident li kellu fuq il-post tax-xoghol.

Dan gie konfermat minn Anna Portelli in rapprezentanza ta' Argos Insurance (seduta 8.5. 2017) u li c-cheque ta' €9108.50c kien payable lil Dr Abigail Critien li kienet l-avukat tieghu fil-kawza 911/14 LM meta l-attur kien wegga fuq il-post tax-xoghol u Stainless Steel fejn jahdem l-attur kienu inxurjati ma' Argos Insurance.

U fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2017 Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali pprezenta prospett tal-injury benefits li irceva l-attur mid-dipartiment. Fl-istess seduta tad-29 ta' Mejju 2018 l-attur xehed li mis-somma huwa thallas €8000 u xi haga ghax mis-somma thalset l-avukat Abigail Critien u fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2017 huwa pprezenta kopja tac-cheque li riceva minghand l-avukat Abigail Critien fl-ammont ta' €8451.48c.

**Kif dejjem gie ritenut mil-Qrati taghna hlas ta' danni ghal korriment ma jistghx jitqies bhala flus generate mil-hidma tal-partijiet u ghalhekk din is-somma ta' €8451.48c li ircevta l-attur bhala kumpens wara li korra fuq il-post tax-xoghol ma tistghax titqies bhala tifforma parti mil-komunjoni tal-akwisti izda li hija kollha tieghu fl-intier taghha.**

**(17) Hitja tal-Firda**

**Provi Attur**

Fl-affidavit tieghu (seduta 18.5.2015) l-attur spjega li huwa iltaqa mal-konvenuta xi erbatax il sena ilu u peress li hija ghalliema u huwa haddiem tal-id, huwa dam sena li gie accettat mil-genituri taghha u gie accettat jidhol biss sal-garage ghax missierha ma riedux jidhol fid-dar. Huwa ghamel diversi snin jidhol biss sal-garage u missierha kien jistaqsi fuqu u fuq familja u l-familja taghha qatt ma bnew relazzjoni tajba mal-familja tieghu.

Il-konvenuta qatt ma accettat il-familja tieghu u anke ghat-tieg hija ma riedet li jkun hemm hadd minn naha tieghu involut tant li lanqas lill-gharus ta' ohtu ma riedet taghmlu bestman u lanqas lil hutu bniet ma riedet joqghodu breidesmaids u wara hafna argumenti il-genituri tieghu ddecidew li ma jmorrux it-tieg. Lanqas meta twieled it-tifel taghhom l-konvenuta ma riedet li jkunu prezenti l-genituri tieghu u kienet hedditu li jekk jghidilhom it-tifel ma jitghammidx. Difatti l-

genituri tieghu ma kienux jafu li ghamdu t-tifel u l-maghmudija saret dakinhar li kellha l-Grizma ohtu.
L-attur jghid li martu kienet iddum ma tasal id-dar sas-6pm – 6.30pm u meta kien jistaqsiha kienet tghidlu li hija taghmel dan biex thallih wahdu u li x-xewqa taghha kienet li tarah bieb il-Belt jittallab.
Meta kienet ser tizzewweg ohtu P l-konvenuta ma riedetx tmur it-tieg taghha u spiccaw ma marrux u lanqas il-maghmudija tat-tifel ta' ohtu ma marru ghax l-konvenuta ma kienetx trid tmur u biex huwa jzomm il-kwiet ma kienux imorru. Anke t-tigijiet tal-kugini tieghu hija ghamlet l-istess u qatghatu ghal kollox mil-familjari tieghu. Il-konvenuta kienet tghid hafna diskors mhux xieraq u l-hin kollu xxewxu kontra l-familja tieghu.
Huwa spjega li martu kienet traskurata fit-trobbija tat-tifel u semma meta missieru kien qed jahdimlu grada ghas-sigurta tat-tifel u l-konvenuta ma riedetx tistenna sakemm din tkun lesta biex tixtrilu walker. Gara li xorta wahda sselfet walker minghand xi nies u meta hija kienet fuq l-laptop it-tifel waqa t-tarag ghal isfel u ghamel jumejn l-isptar. Darba ha ritratt ma ommu u wahlu fi frame fil-garage izda meta ratu l-konvenuta qattghetu.
L-attur jammetti li huwa dilettant jixtri karozzi antiki u jirrestawrahom u karozza minnhom tal-marka Anglia l-konvenuta barxitlu s-saqaf u l-bonnet taghha; kellu Ford Transit u barxitlu l-bieba u u kellu Escort u barxitlu z-zewg mudguards.
Il-konvenuta kienet dejjem tghajru bil-familja tieghu u kemm-il darba kienet tinsulentah bin-nannu li kellu sieq maqtugha. Jekk imur jara l-familja tieghu hija kienet tiggieled mieghu u ccempillu kull kwarta biex tara kemm fadallu u tghidlu jmur id-dar ghax inkella ma ssajjarlux. Izda meta kien imur id-dar huwa jsajjar ghalih ghax hija tkun diga kielet ghand ommha.
Anke meta kienet bil-maternity leave xorta ma kienetx issajjarlu u kien jispicca jsajjar hu ghal kulhadd u hija kienet tmaqdar it-tisjir tieghu u tghidlu li huwa mhux kapaci jsajjar.
L-attur jghid li l-konvenuta kienet traskurata fejn tidhol id-dar; rari kienet taghmel facendi u hafna drabi kien jispicca jiknes hu u meta kellha bzonn vacuum cleaner u xtralha wahda hija uzatha biss ghal ftit. Hin ghal laptop biss kellha. Huwa tant kien imdejjaq bis-sitwazzjoni fid-dar li spicca sab xoghol part time ukoll biex kemm

jista jkun ma jkunx id-dar u jevita l-argumenti u l-insulti. Anke r-relazzjoni ta' bejniethom kienet waqfet.

Il-konvenuta ghandha habiba tal-qalb taghha jisimha C u kienet taghti l-indirizz postali taghhom biex tircevi xi rigali u huwa ma kienx jiehdu pjacir b'dan aktar u aktar meta r-ragel ta' din C kien kollega tieghu fuq ix-xoghol. Martu anke siefret ma' din C u qaltlu li halsitilha C u halliet t-tifel ta' ftit aktar minn sena warajha.

Ix-xiri ghal bzonnijiet tad-dar u ghal hajja kien jaghmlu huwa nhar ta' sibt u meta r-relazzjoni taghhom kienet sejra lura l-konvenuta harbet bl-ideja li jnizlu dak kollu li jonfqu biex it-tnejn jonfqu indaqs.

Meta darba minnhom kellhom tieg tal-familja tal-mara u zammitilhom it-tifel ommu huwa mar ghat-tifel wara t-tieg xis-saghtejn ta' filghodu (2am) u ommu gezwret it-tifel f'kutra u l-ghada filghodu din il-kutra ma sabiex u wara sar jaf li hija ramietha kif ramiet zewg kzazel li fihom ommu kienet taghtu l-ikel meta ma kienetx issajjarlu l-mara.

Martu kienet tghajru 'disabled' ghax kellu incident fuq il-post tax-xoghol u ghamel tletin (30) punt f'idu ir-rizultat li ghamel zmien twil ma jistax imur ghax-xoghol. Kull Ottubru zmien meta jhallas il-licenzja tal-karozza jinqala l-inkwiet peress li din kienet licenzjata fuq missieru u riditu jaqlibha fuqha biex hija taghtiha lil huha.

Meta huwa qallha li ma setghax jissaporti s-sitwazzjoni aktar u li ahjar jisseparaw hija fil-pront qaltlu li mhux problema u beda l-proceduri ta' separazzjoni. Martu sakritlu l-main bedroom u li spare bedrooms u huwa spicca jorqod fil-kamra tat-tifel. Haditlu l-imhadda, l-kutri u anke l-cover tas-saqqu ghax skond hi huwa ma kellu xejn go dik id-dar u biex tipprovokah kienet tghidlu biex jifqa l-bieb jekk huwa ried jehodhom. Ommu kienet taghtu mhadda u kutra biex jinqeda u lanqas ma hallietlu xugaman, Sapura u toilet paper. Meta kien jidhol id-dar hija kienet issakkar it-tifel fil-kamra maghha biex huwa ma jarahx. It-tifel kienet thallih warajha biex tohrog mal-partner taghha u hija regghet siefret u sabet xoghol ta' kummissarju ghal elezzjoni tal-kunsilli lokali u tar-referendum izda t-tifel ma keinetx tkun trid thallih mieghu u tippreferi thallih ma haddiehor.

Kellu zewgt iklieb li kienu ilhom ghandu hames snin u martu bdiet taghmillu rapporti l-ghassa li ma kienx jiehu hsiebhom u biex jevita l-inkwiet huwa nehhihom.

Bdew jircevi hafna telefonati anonimi tard bil-lejl u meta rraporta sab li dawn kienu gejjin minn xi hadd li ghandu numru XXXXXXX u l-kaz jinsab l-Qorti.
Martu ghamlet rapport falz lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li huwa kien qed jahdem part time bla ktieb. Meta mar jistaqsi lid-Dipartiment tat-Taxxa dwar kont li kien irceva huma infurmawh li dan sar ghax issa huwa guvni kif kitbitilbom martu li ilhom separate de facto sa minn Lulju 2012.
Meta huwa mar ghat-tifel hija infurmatu li kienet sejra toqghod il-Mellieha u dan skond hu inaqqaslu l-hin tal-access u kienet tipprovokah billi taqtaghlu jdejh, u ghal kull haga li jghidilha tirrispondih ‘busli sormi’ , twassallu hafna drabi t-tifel tard u tibghatlu kontinwament messaggi ta’ tghajjir.
Martu kienet taghtih ircevuti biex ihallas nofshom skond id-digriet meta dawk ma kienx hemm evidenza li thalsu ghat-tifel; infurmatu bir-recta tal-Milied li ha sehem it-tifel dakinhar stess filghaxija; ir-rigal li ghamillu t-tifel ghal Father’s Day sabu fuq it-tarag ta’ wara l-bieb ta’ barra tad-dar tlett gimghat wara; kienet timla ras it-tifel biex lilu u lil familja ma jhobbhomx u kienet tghidlu wkoll li huwa jaghtih l-indib meta rarissimu huwa jiehu tazza nbid ghajr meta jattendi ghal xi kokkazjoni. Meta cempel ghand ommha biex ikellem lit-tifel fil-birthday tieghu ommha qaltli li kien qed jilghab u qatghetlu.
Darba minnhom cemplitlu fuq ix-xoghol biex tghidlu li ser tiehu t-tifel l-isptar ghax kien ma jiflahx sew; huwa telaq minn fuq ix-xoghol u t-tifel ma sabux l-emergenza u meta cemplilha qaltlu li ma haditux l-isptar ghax kien ghaddielu. Skond l-attur dan sar apposta. Darba ohra sar jaf li hija harget lit-tifel b’103 deni u haditu mal-partner taghha u t-tfal tieghu jaraw film u war amarru McDonalds.
Huwa ghamel zmien ma jara lil ibnu ghal tmien gimghat ghax il-genituri taghha kienu jaqtghulu kull darba li kien icempel u anke rrapurtawh il-pulizija biex ma jdejjaqhomx. Kien ghalhekk li kellu bzonn ta’ digriet mil-Qorti.
Meta l-minuri jkun mieghu waqt l-access hija tibghatu bi hwejjeg mqattghin slipper inkallat u mqatta li jmur l-iskola bih. Tlibsu hwejjeg zghar u ssikkati li jhallulu l-marki tal-lakstu am qaddu u minn naha l-ohra qliezet ta’ taht kbar. Widnejh dejjem mahmugin u taqtaghlu

xaghru bl-addocc tant li jkunu jidhru l-marki tal-magna u baxx avolja tkun ix-Xitwa.

Darba minnhom meta gabitlu t-tifel tant hija kienet qed issuq b'mod irresponsabbli li waqfet f'salt u bl-iskoss it-tifel habit rasu mal-pilastru tan-nofs u kellu jiehdu l-polyclinic fejn ghamlulu diversi butterfly stitches.

Kellu hafna tensjoni d-dar u kienet imkisser mentalment tant li darba minnhom hass ugigh kbir f'sidru u gie rikoverat l-isptar uu l-psikjatar tah parir li ghal gid ta' sahtu ahjar ma jibqghax jghix fl-istess dar mal-mara u wara li hareg mill-isptar huwa ma jghix fid-dar tal-genituri tieghu. U meta mar ghal hwejjeg sabhom f'boroz fil-garax kellu zeg arloggi tal-idejn li tathomlu imkissrin u fadallu aktar oggetti personali x'jigbor.

L-attur jghid li ghal birthday tieghu u lanqas ghal Father's Day il-konvenuta ma taghtu t-tifel u tippretendi li l-kontijiet tad-dar ihallashom hu meta l-Qorti tat lilha li tibqa tghix fid-dar.

Fl-affidavit tieghu **N B** (seduta 18.5.2015) xehed li l-konvenuta hi ta' krattru possessiv, egoista, oppressiva u mkabbra biha innifisha. Hija thossha ta' klassi oghla mnn taghhom u hekk ukoll il-genituri taghha. Minkejja dan huma dejjem ipruvaw jibnu relazzjoni tajba maghha.

Xehed li l-konvenuta kienet tisthi tohrog maghhom u ma kienet tiehu pjacir xejn jekk jiltaqghhu maghha qalb in-nies. Meta l-attur ried jixtri karozza hija ma riedetx tmur maghhom it-Trade Fair ghax skond hi ommu twaqqaghlha wiccha l-art bl-atteggjament taghha haga li ma jistghax jifhem jghid ix-xhud ghax martu kulhadd jaf li ghandha qalb tad-deheb.

Il-konvenuta ma kienet taqbel maghhom f'hafna affarijiet u lil binhom kienu jghidulu diversi drabi biex id-decizjonijiet johduhom hi u hu u mhux hi biss u meta mar biex jara l-post li kienu xtraw il-partijiet huwa uriha li jekk ser tibqa b'dan l-atteggjament ma kienux ser imorru ghat-tieeg u hija rrispondiet 'Dik problema tieghu.'

Meta waslu biex jizzewgu binthom O kellha disa (9) snin u huma xtaqu li jaghmluha bidesmaid ghax kienet meqjusa specjali ghaliex kienet twieldet tnax-il sena wara hutha l-ohra u kienu anke lesti jhalsu l-ispejjez tal-libsa. Izda il-konvenuta ma riedetx taf minkejja li binhom l-attur xtaq dan. Huwa semma wkoll li ma riditx li l-gharusa

tat-tifla l-kbira P, Q R bestman u lanqas lil P ma riedet bride's maid. Hija difatti ghamlet lil ohtha bride's maid, lil habiba taghha xhud u kulhadd minn naha taghha. Meta huma raw li l-konvenuta ma rieditx affari maghhom huma ddecidew li ma jmorrux it-tieg.  Huma talbu lill-Arcipriet ta' Hal Qormi fejn kienu jghixu dak iz-zmien izda l-attrici ma rieditx taf.  Minn dakinhar il-kuntatti waqfu ghal kollox.
Meta twieled it-tifel F huma marru jarawha l-isptar pero hija uriethom li ma kienet qed tilqa l-vizta taghhom u t-tifel rawh wara hames (5) xhur meta iddecidew li johduh biex jarawh.
Ghamlu xi zmien imorru d-dar taghhom u meta l-attur ra li s-sitwazzjoni qed titjieb stedihom ghal barbeque fid-dar taghhom izda gara li l-konvenuta qaltilhom li l-barbeque ma kienx ser isir ghax l-attur kellu dahru jugugh u huma ghamlu ta' bir-ruhhom li ma gara xejn. Darba ohra infurmathom li zewgha kien jghid li missieru huwa 'pufta' u huwa qallha li dak il-passat u kulhadd ghandu jhares il quddiem izda hija insistiet u cemplet lill-attur biex dak li ghandu jghid jghidu quddiemhom.  Huwa semma wkoll li sema lil konvenuta tghid lil attur biex jaqleb il-licenzja tal-karozza fuq huha biex tkun tista taghtihielu.
Missier l-attur jghid li binhom ghalkemm ma kien jghidilhom xejn dwar x'qed taghmillu l-konvenuta huma kienu jindunaw.  Jekk ikun ghandhom u hi ccempillu huwa jitlaq mal-ewwel; darba kien l-ghalqa maghhom u l-konvenuta cemplitlu biex imur jixtrilha yoghurt u kellu jitlaq meta fejn joqghodu hemm hwienet li jbieghu l-yoghurt.
Meta f'Ottubru 2012 binhom ghamel il-kuragg u beda l-proceduri ta' separazzjoni huma heggew lit-tifel sabiex imur jiehu parir halli jipprova jsalva dan iz-zwieg u qassis l-konvenuta ma riditx u wara ix-xhud ghamlilhom appuntament ma family therapist u fil-fatt marru izda l-family therapist qallthom li ma kienx hemm possibilita li jkomplu jghixu flimkien. Izda fuq insistenza da parti taghhom biex jipprova jsalva l-familja tieghu l-attur waqqaf il-proceduir u pprova jerga jibda hajja gdida mal-konvenuta pero l-attur baqa jircevi l-istess trattament minn martu.  Dwar il-kont li kien irceva l-attur minghand tat-Taxxa ix-xhud mar mieghu u sema b'widnejh x'kien gara cioe li martu kitbet lil tat-Taxxa biex minn Lulju 2012 jigu kunsidrati separati de facto.

Izda l-affarijiet baqghu sejrin lura u f'Jannar 2014 binhom fetah il-proceduri ta' medjazzjoni u meta dan il-konvenuta ghamlet zmien tmur ghandhom biex jippruvaw jikkonvincu lit-tifel biex ma jisseparax izda huwa kien determinat li jissepara. U tant hadha bi kbira binhom li kellu jasal sa hawn li f'Mejju 2014 spicca l-isptar u kien inghata parir minn Dr Joseph Fenech psikjatra tal-isptar biex ma jmurx jghix fl-istess dar mal-mara. Martu qatt ma stednithom fid-dar tal-partijiet lanqas ghal belgha café jghid missier l-attur.

Martu bdiet iccahdu milli jara lit-tifel, ghal birthday tieghu tal-attur ma thallihx jarah u lanqas hallietu jmur bit-tifel ghat-tieg tat-tifla tal-parrinu tieghu. Meta hareg id-digriet tal-Qorti sar jaf li hija kienet tghid lit-tifel biex huwa ma jhobbx lill-missieru u kienet tibghatu bi hwejjeg mhux adekwati biex ma jkunx jista johorgu bihom. Meta t-tifel kien qed jiehu medicina hija ma kienetx taghtihielu mieghu u sar jaf b'dan meta irceva l-kont u kellu jiktbilha l-avukat tieghu biex sar jaf li t-tifel kien qed jiehu xi medicina u ghaddietlu kartu kif ghandha din tinghata.

Fil-15 ta' Frar 2015 huma kellhom okkazjoni tal-familja u F xtaq gel ma' xaghru biex ikun bhal missieru u meta rega missu l-access sabu li lit-tifel qaxritlu xaghru bl-aktar mod imhanzer tant li kienu jidhru d-daqqiet tal-magna tax-xahar.

L-attur illum ghandu tarbija minn relazzjoni li ghandu ma haddiehor u jinsab kuntent hafna.

Fl-affidavit taghha **S B** (seduta 18.5.2015) omm l-attur kkonfermat li l-konvenuta qattma accettahom minhabba li binha hu haddiema tal-id u hija ghalliema. Anke meta kienu ghadhom gharajjes hija kienet tippreferi toqghod fil-garage tal-habib tal-attur biswit id-dar taghhom milli tidhol ghandhom. Binha kien intrikeb minn C u kien jisma biss minnhom. Hija u zewgha ippruvaw jidthulu mohhu pero binhom kien ghami fuqha u ma seta jintebah b'xejn. Hija semmiet x'gara meta kienu ser jizzewgu u kif wara t-tieg huma bdew jircevu kull tant zmien ittri anonimi u anke kartolini tal-mejtin indirizzata lit-tifel taghhom P. Zewgha qallha biex tinjorhom u qattathom izda meta bdew il-proceduri ta' separazzjoni huma regghu bdew jirceu dawn ohra u llum jinsabu ghand il-pulizija.

Meta twieled F hija u zewgha marru l-isptar izda l-konvenuta ma haditx pjacir u kien wara li t-tifel kellu hames (5) xhur li huma rawh.

Ghamlu zmien izommulhom it-tifel biex huma jmorru ghax-xoghol u riedu li t-tifel jiehdu binhom ghax l-konvenuta kienet toqghod tghajjat barra kontra l-attur biex issemma lin-nies u meta l-konvenuta kienet tmur ghat-tifel wara nofsinhar hija kienet iddoq il-horn u t-tifel tiehdu bil-herra minn idejn ix-xhud u titlaq issuq b'velocita qawwija. Hija semmiet l-incident tal-walker, u ta' meta zammewlhom it-tifel ghax kellhom tieg. Hija semmiet ta' meta kienu mistednin barbeque ghand il-partijiet u lahqu xtraw l-ikel meta hija cemplitilhom li l-barbeque ma kienx ser isir ghax binhom kellu dahru jugghu pero huma indunaw li din kienet skuza ghax ma ridithomx jersqu lejn id-dar taghhom.
Hija semmiet okkazjoni ta' meta kienu l-ghajqa u t-tifel li kien ghadu baby kien ghamel il-bzonnijiet tieghu u cappar hwejjeg il-konvenuta u meta dahlu gewwa biex ibidlulu hija qaghdet toffendi lil binha cioe lill-attur u lil baby bdiet tibghatu jiehu 'f'oxx il-baghal missieru'.
Omm l-attur spjega li binha tant kien mahkum minn martu li meta martu siefret u halliet it-tifel mieghu huwa ma qallhiex li hallieh maghhom. Hija spjegat dwar meta ippruvaw isseksek lil attur kontra missieru.
Hija semmiet dak li ghadda minnu binha kif hija ma kienetx thallih jara lil ibnu u li bl-inkwiet spicca l-isptar.
Hija tghid li huma jinkwetaw meta jara lil F ma kiekolx ikel nutrittiv u kull darba li jistaqsuh x'kiem dejjem jghid chicken nuggets u zalvett. Meta huma jippruva jaghtuh xi ikel jew ma jiklux jew inkella jekk jiekol xi ftit jirremettih.
Hija tikkonferma li binha huma kuntent u ghal qalbu hafna kemm ilu mhux mal-konvenuta.
Fl-affidavit taghha **P R**, oht l-attur (seduta 18.5.2015) xehdet li hija u huha u l-konvenuta kienu jahdmu bhala waiters f'retaurant l-Imdina u kien iwaqqassalhom huha l-attur u lura l-konvenuta ma kienetx tiehu pjacir li tirkeb maghhom meta jispiccaw mix-xoghol xis-saghtejn ta' filghodu (2am). Hija tghid li mal-konvenuta qatt ma kienet kapaci tibni xi relazzjoni u l-konvenuta kient kontinwament tkellem hazing lil A u toffendih bil-familja.
Meta huha kien imur id-dar ghand ommha il-konvenuta kienet iccempillu kull kwarta biex jitlaq u hafna drabi kien jitlaq appena iccempillu. Hija spjegat kif qabel it-tieg il-konvenuta kienet tmur bil-

laptop u toqghod taqra l-ismijiet tal-mistednin li kollha kienu minn naha taghha. Hija semmiet kif lilha ma riditiex toqghod bride's maid u kif lanqas riedet lill-gharus taghha bestman. Kien hemm hafna argumenti li spiccaw biex il-familja taghha ma marritx ghat-tieg.

Meta twieled it-tifel F huma damu xhur ma rawh u meta kienet tmur l-ghalqa hdejn ommha l-konvenuta kienet tintefa ghaliha wahedha bil-mobile f'idha u ma tkellem lil hadd. Ommha u missierha qatt ma marru d-dar tal-partijiet. Meta kienet izzommilhom it-tifel ommha ghax kienu jkunu xoghol ommha kienet issajrilhom.

Kienet ghadha ma zzewgitx meta kienet tircevi kartolini tal-mejtin indirizzati lilha minn xi hadd anonimu u l-ahhar wahda ircevietha wara li zzewget u twieled binha. Meta zzewget hijab diet tircevi ittri b'insulti u meta twieled it-tifel fl-ittri beda jigi nkluz hu ukoll. Missierha kien jghidilha biex ma taghtix kaz ghax min qieghed jibghathom xi darba jieqaf u ghal xi zmien waqfu. Pero meta l-attur beda l-process tas-separazzjoni l-ittri bdew jigu indirizzati li missierha u llum dawn jinsabu ghand il-pulizija.

Ghat-tieg taghha u ghal maghmudija binha l-partijiet ma attendewx. U meta l-partijiet bdew il-proceduri tas-separazzjoni binha kien l-isptar u l-konvenuta meta marret tarha qaghdet titkellem fuq il-problemi taghha minflok kompliet maghhom.

**Provi konvenuta**

Fl-affidavit taghha l-attrici (seduta 3.7.2017) tghid li l-partijie tiltaqghu f 'Gunju 2001 il-Westin Dragonara fejn huwa kien jahdem bhala dishwasher/waiter/barman u hija kienet tahdem ghas-Sajf biss. Hiija kellha dsatax-il sena u huwa kellu sbatax-il sena.

l-attur biddel hafna xogholijiet waqt l-gherusija peress li ma kellux kwalifici u kien tkecca wkoll fuq mizuri ta' dixxiplina. Ftit qabel izzewgu huwa dahal il-freeport u meta ghalaqlu l-kuntratt ma regghux geddewlu u kienu qalulu biex irazzan it-temperament li ghandu u jibza ghal xoghol izda huwa gie jaqa u jqum u spicca bla xoghol fi Frar 2001 meta t-tifel kellu seba (7) xhur u hija kienet bl-unpaid leave. Missieru sablu xoghol go fabbrika Astracast Stainless Steel Company Limited fejn ghadu hemm sal-lum. Minbarra l-full time job huwa jahdem kien ikollu part time job – kien jahdem barman go kazi haz-Zebbug, porter go Lukanda l-Qawra, waiter il-Bacchus

Restaurant Mdina u waiter El Catalan Haz-Zabbar fejn ghadu hemm sal-lum.
Il-konvenuta tghid li zewgha dejjem kien iffissat fil-karozzi u semmiet l-incident ta' meta raqad fuq li steering u baqghu dehlin f'arblu tad-dawl u kif zewgha kellu jhallas l-ispejjez tal-hsarat tal-arblu.
Hija tghid li zewgha kien pussessiv hafna fuqha u kien icempillha hafna drabi kuljum u jibghat bosta SMSs. Gieli kien iceplilha u jaqta u jekk ma ccempillux lura kien jaghmel xenata. Huwa kien imur jfittixha l-Universita meta jkollha l-lezzjonijiet u keient tqatta l-hin mieghu meta ma jkollhix xi lecture. Anke met akienet tahdem bhala segretarja mal-Vernon's Company Limited Mriehel gieli gie jittawwal ghall-gharrieda. Hija semmiet incident it-Tattingers ir-Rabat meta ra guvni jhares lejha u kwazi gew fl-idejn u darba ohra fi Kyclub meta ra lil xi hadd ihares lejha u beda jiggieled mieghu u kellhom jidhlu s-security guards u harguh il barra.
Oltre dan hija tghid li zewgha kien nervuz hafna u aggressiv izda waqt l-gherusija qatt ma refa jdejh fuqha izda wara li zzewgu u wara li kellhom it-tifel u fil-prezenza tat-tifel kien beda jaqbadha minn xaghrha jew jimbuttaha. It-tifel kien iqum jibki u jwesaq bil-lej u haditu ghand il-psikologa Mariella Blackman li fis-7 ta' April 2014 hejjiet rapport.
Il-konvenuta tghid li zewgha kien jghajjarha hafna u anke jsemmi lil genituri taghha u dan meta huma dejjem urewh rispetto. L-iktar li kienet thossa kien wara li weldet it-tifel zewgha kien jaghmel hsejjes ta' baqra b'referenza ghal sidiriha u 'spongebob' b'referenza ghall istretch marks ta' zaqqha. Gieli wkoll kien jghid certu diskors minn l-ilsien u t-tifel kien jisimgha u jmur jghidilha 'id-daddy qallek mahta u demel'. Anke meta kellhom laqgha l-iskola tat-tifel zewgha beda jghajjarha 'nana' u quddiem it-tifel stess huwa jirreferi ghaliha bhala 'qallut'. Anki lit-tifel stess hija tisimghu jghajru 'mghazqa'.
Meta zzewweg l-attur ma kien jghamel xejn id-dar u kien jippretendi li jsib kollox lest bhall ikel, hwejjeg, moghdija ecc. Tant li meta beda l-proceduri tas-separazzjoni u huwa rrifjuta li hija tahsillu hwejgu jew li jiekol mill-ikel li ssajjar hi, huwa qatt ma sajjar u hwejgu mahmugin kien ipoggihom gol-garbage bags u jehodhom mieghu. Lanqas id-dar xoghol li normalment jaghmluh l-irgiel ma kien jaghmel u skond hi d-dar thalliet nofs lehja. Il-partijiet kienu jilletikaw l-aktar ghax l-

attur kien behsiebu biex jifranka u mhux fil-kwalita. Dan gara fil-finishings u furnishings tad-dar bhal madum , aperturi ecc . Anke jekk jiftah l-fridge u jara li l-perzut hija xtratu minn H'K kien jaghmel plejtu ghax skond hu minn h'K kollox gholi. L-istess ghal magna tal-hasil huwa ma riedx li hija tixtri wahda automatic ghax skont ommu din ma tahsilhomx sew il-hwejjeg u kellha tixtri twin tub bi tbaghtija zejda ghaliha.

Hekk gara tghid il-konvenuta dwar il-grada tat-tarag meta zewgha baqa jinsisti li m'ghandhiex tinxtara grada professjonali izda ghandu jaghmel wahda missieru. Apparti li tidher qisu grada ta' razzetta hija tinghalaq biss b'gancetta li wiehed jixtri minghand taz-zebgha u gara li dakinhar meta t-tifel kellu biss sena gholla l-gancetta minn taht u feta il-gradi u nizel l-ewwel ftit targiet tat-tarag. Dakinhar kient wahidha d-dar u cemplet lir-ragel u hadu t-tifel l-isptar u zammewh ghal ftit sieghat ghall-osservazzjoniiet. Hija baqghet mat-tifel il-hin kollu.

Ghax-xoghol kien ikollha tqajmu hi ghax inkella jibqa rieqed. Huwa kien jaghmel l-alam kien jitfilu u jerga jorqod. Mhux darba jew tnejn dahal tarx ghax-xoghol ghax il-payslips jixhdu dan. Hija kienet taghmel kollox hi sahabsitra d-dwiefer ta' saqajh u taqliblu l-hwejjeg tal-gwardarobba mis-Sajt ghax-Xitwa u viceversa u filghodu jekk ma taghmillu kafe ma kienx jaghmel ghaliha. Hija kienet tiehu hsieb zewgha, t-tifel lilha nnifishar, hlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u ilma tal-Go u paperwork iehor li zewgha lanqas biss kien jiehu l-icken interess.

Zewgha kien jippretendi li jpejjez gewwa kif taghmel ommu izda hija dejjem oggezzjonat u kien ipejjeg fit-tieqa tas-salott u jitfa l-loqom tas-sigaretti fil-pjanti li kellha fil-bitha inerna, fil-gallarija tal-kcina u jitfa l-loqom fit-triq jew inkella fil-washroom u jitfa l-loqom fit-toilet. Ghalxejn hija kienet thallilu l-ashtrays.

Il-konvenuta tghid li zewgha mhu bniedem indipendenti tant li anke ghal medjazzjoni ommu kienet tmur mieghu. Hija qatt ma sabitu ghal xejn lanqas mea weldet it-tifel ma ried ikun prezenti. Meta kellha bzonn is-suppart tieghu huwa kien jghidilha biex iccempel lil ommha jew lil ohtha peress li ohtha kienet nurse. Ommha kellha tabbanduna il-familja biex tmur tghinha ghal xhur wara li weldet

minhabba li kienet maghdura wara l-hlas tant li zewgha kien jehodha bil-wheelchair biex jaraw it-tifel meta twieled.
Il-konvenuta tghid li zewgha dejjem sabha bhala kumpanija kemm meta dahlet tahdem mieghu bhala waitress mal-Osborne Caterers u l-Baccus u anke kienet tmur hdejh met akien jahdm il-kazin 12th May Haz-Zebbug u porter l-Qawra u anke meta kellha t-tifel kienet tmur bit-tifel l-El Ctalan fejn kien jahdem part time.
Hija tghid li zewgha hin ghal passatempi tieghu kellu izda hin ghaliha u ghal binhom ma kellux u fi ftit okkazjonijiet li kienu johorgu bhala familja kienu jmorru jaraw show tal-karozzi ghax kien ikun hemm xi karozza minn tieghu. Hafna drabi kienet tispicca tohrog hi bit-tifel u iehdu f'postijiet fejn jiehu gost it-tifel.
Relazzjoni tajba mal-genituri tieghu ma kellux u l-attur kien jghidilha kemm ommu kienet issawtu u anke kien imkecci mid-dar kemm il darba qabel bdew johrogu flimkien. Meta kienu gharajjes ommu keccietu mid-dar iktar minn darba – darba minnhom raqad Ta' Qali fil-karozza, darba ohra kienu laqghux il-genituri taghha go darhom u ghix ghandhom ghal xi jiem u ommha kienet tiehu hsiebu daqs li kieku kien binha. Il-genituri taghha haduha bi kbira hafna meta qaltilhom li zewgha ried jissepara u meta hija tkun ghandhom ommha kien joqghod icempel fuq l-landline tad-dar tal-genituri taghha u minkejja li qaltlu biex jaghmilx dan huwa xorta wahda baqa jcempel tant li l-genituri taghha kellhom jaghmlu rapport l-ghassa.
Gara li meta l-genituri tal-attur ddecidew li ma jattendu ghat-tieg taghhom zewgha mar jghix fid-dar matrimonjali u ommha hadet hsieb thit il-purtieri, bedspead ecc halli dakinhar tat-tieg id-dar tkun armata minhabba l-video u r-ritratti. Difatti zewgha ghazel li johrog ghat-tieg mid-dar matrimonjal u ghazel li jakkupanjah siehbu T li kien qaghadlu xhud fil-knisja. L-attrici tghid li ommu u ohtu bdew igibu kull skuza biex ma jmorru ghat-tieg fosthom li ohtu riedet bilfors toqghod bridesmaid, li l-gharus ta' ohtu kellu bilfors joqghd xhud li l-ilbiesi tal-bridesmaid riridthom burgency li l-libsa taghha ommu riditha hadra. Ommu kient sahansitra bdiet tghidilha 'li ghandi l-hruq' u saqsietha jekk kienetx 'mielha' gha skont hi t-tieg kellu jibda jkun orgaizzat aktar minn sena qabel. Zewgha kien dejjem jghidilha biex ma taghtix kashom.

Huwa zzewgu fl-14 ta' Awissu 2009 u hadd mil-familjari tar-ragel ma attenda ghat-tieg u lanqas fil-Maghmudija tat-tifel u lanqas rigal ma tawh.
Minkejja dan hija kienet tmur ghandu ommu li kienet dejjem tirrepetilha l-istess diskors li lil A thobbu aktar miz-zewgt ibniet l-ohra u li hija kienet ser tohdilha parti minnha. Hija kienet issemmilha l-ex ta' A certu U, Russa li kienet tingwalha maghha ghax kienet tpejjeg is-sigaretti bhala u anke ritratt zammet ta' din t-tfajla. Hija tghid li ommu dejjem taqla kwistjonijiet anke fejn ma kienx ikun hemm bzonn fosthom tindahlilha minn fejn tixtri u anke kienet qabdet issawwat lil ommha u tigrifha tant li kellu jsir rapport l-ghassa u ittiehdu proceduri quddiem il-Magistrat Dr A D Trigona. Kien hemm prezenti G H il-partner ta' A dakinhar ukoll.
Anke meta l-genituri taghha ghalqu hamsa u ghoxrin (25) sena mizzewgin ftit minuti qabel ommu qalghet kwistjoni mal-attur u ma marrux ghall-ikla. Kienu marru ohtu l-kbira u l-gharus li kellha dak iz-zmien. Anke meta ghamlet l-pracett ohtu z-zghira r-rigal li taghtha ma ghogobhiex ghax qalilha li ma kienx tal-bniet met ama kienx il-kaz. Anke meta missierha xtralha kejl talbirthday hija minflok irringrazzjatu qaltlu ahjar ma xtajtli xejn ghax issa jkolli nixtrilek wiehed u meta xtrawk kejk hija u l-attur ghax ma kien tal-Italfone hija ma haditx minnu. Hija semmiet diversi incidenti ohrajn fejn ommu qalghet kwistjonijiet.
Il-konvenuta tghid li meta zewgha iddecieda li jissepara hija haditha bi kbira hafna u r-raguni li ta kien li ried jghi hajtu u li kien zghir wisq meta tgharras maghha. Hija ghamlet zmien tmur ghand il-genituri tghu izda darba kien heddidha li jekk ma titlaqx ' ma kontx se nara x-xemx tal-ghada' u ma marrietz izjed u kellha taghmel rapport l-ghassa li spicca liberat minhabba l-preskrizzjoni.
Hija kkonvincietu jmorru jkellmu family therapist Charles Azzopardi u hija marret tkellem lil Fr Vince Magri izda missieru qallha li A ried 'fresh start'. Hija bdiet tinnota hafna tibdiliet fih foshtom li jqaxxar is-suf u ssib ix-shower bblukjata, ssib shampoo bie itella xaghru peress li kien qed jaqghalu, innutatlu l-eyebrows imnitfin, u kien johrog imbiddel 'hafna fwieha u jidhol tard bil-lejl u sahansitra qas imur xejn mal-lejl. Kien anke ghamel tpingiha mal-genb ta' zaqqu meta dejjem kien jghidilha li jibza mil-labra. U binha kien beda jghidilha li ma

missieru kien hemm mara ohra' hoxna, xaghraf isfel b'tifla jisimha Kailey. Meta hija saqsiet lil zewgha fuq din il-mara huwa qallha li kienet habiba ta' ohtu. Zewgha kien anke ghamel password bil-mobile u nehha li status ta' 'married' fuq facebook u eventwalment nehha lilha u l-familjari taghha minn friends u ghamel re-directof tal-indirizz biex xejn ma kien jasal id-dar lanqas il-kont tad-dawl u ilma ghax beda jibghatulha mat-tifel.
Hija tghix li zewgha ha diversi oggetti mid-dar u kellha taghmel rapport il-pulizija.
Hija tghid li tlett xhur biss wara li zewgha fetah il-proceduri ta' separazzjoni fi Frar 2014 zewgha kien qed jistenna tarbija minn G H. Hija ma tafx meta l-partijiet bdew jifrekwentaw lil xulxin izda taf zgur li sa Mejju 2014 meta H kellha tlett xhur tqala zewgha kien ghadu jghix fid-dar matrimonjali flimkien maghha u ma binhom. L-ahhar li raqad fid-dar zewgha kien fit-3 ta' mejju 2014 u kienet ghamlet rapport l-ghassa dwar dan. Sa Awissu 2014 zewgha baqa jmur id-dar minn hin ghall-iehor u f'Mejju 2014 zewgha kien rikoverat l-isptar u skond hi kienet skuza li ma jorqodx id-dar minhabba ordni tal-psikjatra. Ic-certifikat tal-psikjara Joseph Fenech jghid li il-parir biex ma jorqodx id-dar matrimonjali kien 'for now' u kien f'Awissu 2014 meta G H kellha sitt xhur tqala li zewgha gie ordnat ma jidholx fid-dar matrimonjali. Hija hallietlu l-affarijiet personali kollha fil-garage u kien ha kollox.
Il-konvenuta tghid li ohtha ratu flimkien ma' G H f'restaurant u hija l-ewwel darba li ratha kien f'Mejju 2014 sitt xhur biss wara li fetah il-proceduri tas-separazzjoni meta hadet it-tifel l-isptar jara lil missieru u rat lil G Flak mitluqa fuq spallet l-attur fuq is-sodda u 'hin ratha qamet bil-wieqfa u s'ubghajha ppuntat lejha qaltilha 'int kont il-mara tieghu, issa m'ghadekx'. Dakinhar ma kellhiex hjiel li hija tqila izda lit-tifel uriet li tafu sew ghax ghajtitlu b'ismu u taghtu l-helu. Izda f'Settembru 2014 hija regghet ratha u kienet tidher li hija tqila ghax kellha seba xhur tqalha. It-tifel uriha fejn toqghod G H u qallha li kemm il darba dahal hemm ma missieru waqt l-access u anke raqad hemm waqt li sleepovers. Minn dak iz-zmien zewgha kien imur ghat-tifel ma' G H rikba fil-karozza u il quddiem anki bit-tarbija li ghandhom flimkien.

Hija tghid li zewgha ghamel minn kollox biex ikissierha – bhal diskors' kemm jien proud li hadt din id-deizjoni' u kien anke jitfa posts fuq facebook li jhossu ferhan u 'free like a bird' u jippostja certi botti lejha u H tkompli tieghu. Kien jghidilha li 'hajja wahda ghandi' u 'rrid nghix hajti' u li 't-tifel jitrabba u 'mu sib iehor ha jserhek. Kien jaghmel diversi rapport l-ghassa tal-pulizija dwarha u anke ommu ghamlet rapport li saqietha ghal fuqha meta dan ma kienx minnu. Hija tghid li zewgha huwa responsabbli ghal din il-firda.

Fl-affidavit tieghu **V D** , hu l-konvenuta (seduta 24.3.2017) jghid li huwa kellu seba (7) meta ohtu bdiet tohrog mal-konvenut u jiftakar lil ommu taghmel l-lunch lil konvenut ma tieghu u li l-konvenut ghamel zmien jghix ghandhom meta ommu keccietu mid-dar. Relazzjoni bejniethom ma kienx kemm kemm ghax huwa jhobb li sports u l-attur il-karozzi u kemm akkademikament. Fid-dar tal-partijiet fti li xejn ken imur izda huwa kellu u ghandu relazzjoni tajba hafna maghha. Xi sena qabdel bdew il-proceduri ta' separazzjoni fis-sena 2012 l-konvenuta talbitu jghin lill-attur jqandel xi haga u huwa kienma jghinu jizbarazza l-vann Ford Transit blu u jpoggi xi affarijiet f'garaxx Hal Ghaxaq li l-attur ghandu bil-kera. Dan il-garage kien mimli parti tal-krozzi u kemm hemm karozza sewda tal-ghamla Ford Escort mark 1 minghajr pjanci. L-attur kien hajru jixtri karozza Citroen AX minghand siehbu izda din taghtu inkwiet u nefqilha spejjez li kellu jnehhiha. L-attur qallu biex johduha ghall-iscrap u huwa accetta izda l-flus ta' li scrap zammhom l-attur. Fit-tieg ta' ohtu huwa kien usher u qara waqt il-quddiesa u meta kellhom it-tifel huwa kellu 15-il sena. Darba tella ritratt tan-neputi fuq facebook u ohtu l-konvenuta qaltlu li l-attur irrabja meta ra hekk u nehhih minn fuq facebook izda l-attur imbaghad beda jtella hu ritratti tat-tifel fuq facebook u lilu hasru minn friend fuq facebook.

Meta fis-sena 2013 l-attur iddecieda li jitlaq lil ohtu kienet ommu li ghajtitlu fil-kcina tibki meta qaltlu b'dan u huwa jinkwieta jara lil genituri tieghu inkwetati minhabba ohtu u s-sitwazzjoni li giet fiha u jara lil ohtu tissielfet biex trabba lil binha bhala tfal ohra u li ma jkun jonqsu xejn.

Hu l-konvenut jinsisti li bhala famila huwa jinsistu hafna fuq l-aspett akkademiku u meta jkollu cans iqatta l-hin mat-tifel jghinu fl-iskola. Bhala l-uniku ziju li ghandu t-tifel jarah bhala role moel u jkun bhalu

kemm fil-livell akkademiku kif ukoll fil-livell sportive. Huwa wkoll qed isegwi l-kors ta' ghalliem u jmur jitharreg fil-futsal u t-tifel imur jarah jilghab.

**VV D**, oht il-konvenuta, fl-affidavit (seduta 24.3.2017) xehdet li hija tahdem bhala nurse. Il-partijiet bdew relazzjoni flimkien fis-sena 2001 u l-attur dejjem kien ta' ftit kliem. Hija dejjem qdietu meta huwa kellu bzonn xi haga mill-isptar u meta ohtha kienet l-isptar bit-tifel kienet hi li qaghdet maghha u l-konvenut dahal biss meta twieled it-tifel. Anke meta t-tifel ikun ma jiflahx huwa jghid lil konvenuta biex iccempel lil ohtha jigifieri lix-xhud.

l-attur kien ikun ghand ommha spiss kwazi kuljum u kien jiekol ghand ommha u ohtha kienet issajjarlu kemm il darba. Hafna drabi kien idum ghandhom sa tard filghaxija u peress li hija u ohtha kienu jorqdu f'kamra wahda hija kienet tiddejjaq bl-attur fil-kamra u hija kienet tghid b'dan lil ommha u ommha kienet tghid lil ohtha l-konvenuta biex tghidlu jingabar kmieni. Xi sena qabel izzewgu fis-sena 2008 huwa ghamel xi jiem jghix maghhom meta ommu keccietu mid-dar u kienet tiehu hsiebu ommha daqs li kieku kien wiehed minnhom.

Dwar it-tieg tal-partijiet hija tikkontendi li oht l-attur z-zghira kienet ser tkun bridesmaid u ohtu l-kbira x-xhud izda ommu ma halliethom u qalghet hafna inkwiet sakemm eventwalment ma gie hadd mil-familjari tieghu ghat-tieg tal-partijiet.

Hija selfet lill-attur flimkien ma' missier €3800 biex setgha jixtri l-garage fiz-Zejtun f'Jannar 2012. Hija taf ukoll li l-attur ghandu jaghti wkoll €5600 lil genituri taghha li selfuhom qabel iz-zwieg biex inxtara l-maisonette mil-partijiet fiz-Zejtun u l-genituri taghha kellhom jifthu kawza l-Qorti biex jithalsu.

VV D tghid li meta lejn l-ahhar tas-sena 2013 l-attur iddecieda li jissepara il-familja kollha inhasdet u li hija kienet rat lill-attur f'restaurant ma' mara xaghara isfar u tifla zghira maghhom u meta induha biha l-attur inhasad u talab lil waiter biex ipoggu bilqieghed fuq mejda il gewwa fir-restaurant. Hija tghid li ohtha ghaddiet minn zmien ikrah hafna izda llum hija accetata s-sitwazzjoni u xorta ghadha tithabat mhux ftit biex trabbi lil binha bl-ahjar mod possibbli u taghtih l-ahjar edukazzjoni u trobbija bhal tfal ohra.

Fl-affidavit tieghu **W D**, missier il-konvenuta (seduta 24.3.2017) xehed li meta sar jaf li bintu qed tohrog mal-attur huwa saqsha dwaru u qalulu li l-iskola kien jiggieled meta kien zghir u l-Kap tal-Iskola kien jibghat ghal ommu li minflok tikkoregiha hija kienet tkompli ttih l-arja.

Meta l-partijiet bdew johorgu flimkien bintu kienet l-ewwel sena l-Universita u l-attur qas biss kellu xoghol u kien jiddobba b'li jaqla b'xi xogholijiet l'hemm u l'hawn u kien hu li sablu xoghol il-Freeport izda wara tlett snin ma zammewhx ghax ma hadimx bizzejjed. Dan kien fi Frar 2011meta l-attur spicca minghajr xoghol u binti kienet bl-unpaid parental leave u binhom kellu biss xi sitt xhur u ftit.

Skond missier il-konvenuta l-attur izzewweg biex jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu ghax kien imdejjaq hafna d-dar taghhom tant li kien iqatta hafna hin barra mid-dar – filghodu x-xogholu filghaxijiet jew xoghol part time inkella d-dar tieghu cioe tax-xhud. Support mil-familja tieghu l-attur qatt ma kellu u huwa jemmen li bintu kienet thobbu lill-attur.

Xi sena qabel izzewgu cioe fis-sena 2008 l-attur ommu keccietu mid-dar biz-zewgt iklieb li kellu u haditlu c-cwievet u huma laqghuh f'darhom u l-klieb zammhom fil-post li l-partijiet kienu xtraw iz-Zejtun biex joqghodu fih meta jizzewgu. Martu kienet tiehu hsiebu tahsillu hwejgu u ssajru. Darba huwa mar hdejn l-attur fil-garage iz-Zejtun u issugerielu jcempel lil missieru halli jkellmu u jekk kien hemm xi differenzi jirangawhom bejniethom izda l-attur ma halliehx ghax skont hu missieru jibza minn ommu u jisma minnha. L-istess ipprova jaghmel meta bintu l-konvenuta infurmatu li ma riedux ikunu prezenti ghat-tieg taghhom izda l-attur dejjem irrezista. Ix-xhud jghid li kien accetta li fl-invit jitnizzel biss l-indirizz tad-dar tieghu u li jilqa l-mistednin kollha f'daru hu. Difatti l-attur kien hareg mid-dar matrimonjali li l-partijiet ghandhom iz-Zejtun u martu kienet gejja u sejra z-Zejtun thit il-purtieri halli l-attur jidher tajjeb fir-ritratti u fil-video tat-tieg.

Missier il-konvenuta jghid li l-attur kien icempillu biss meta jkollu bzonn xi haga minghandu u fl-erba (4) snin li damu mizzewgin ma jiftakarx li qatt gie darba jiekol maghhom mentri fl-gherusija dan kien isir kuljum. Bintu kienet tmur ta' spiss bit-tifel hafna drabi wahedha

ghax l-attur kien ikun xoghol u mhux darba u tnejn li hija marget miegu u mal-mara.
Biex xtraw id-dar matrimonjali fiz-Zejtun hu u martu sejfu lil partijiet LM6000 f'Mejju 2006. L-maisonette xtrawh LM46,000 u l-bank sellifhom LM40,000 u huma selfuhom d-differenza liema flus huma ghaddew dirttament lil L u X M l-vendituri quddiem in-Nutar VV Pool. Il-ftehim kien li s-self kien ta' LM3000 lil kull parti li sal-lum huma baqghu ma thalsux u kellhom jifthu proceduri bil-Qorti. Huwa u bintu VV selfuhom ukoll €3800 biex setghu jixtru garage iehor iz-Zejtun bil-kondizzjoni li malli jinbiegh huma jithalsu. Huwa pprezenta dokumenti li jippruvaw dawn iz-zewg loans.
Ix-xhud jghid li meta kien jinzel ghandhom l-attur ftit li xejn kien ikellem lilu u lil martu u hafna drabi kien ikun xoghol u meta jkun id-dar jkun l-garage jehda mal-ghasafar jew mal-karozzi jew fuq l-bejt mal-klieb ipejjep is-sigaretti.
Huwa jghid li bintu dejjem zammet id-dekor taghha u meta l-attur iddecieda li jissepara huwa lanqas flus ghat-tifel ma kien jaghtiha u kienu jghinuna huwa u l-mara u jaghmlulha anke xi xirja.
Fil-fehma tieghu l-attur kisser zewg familji dik tieghu u dik tax-xhud u aghar minn hekk huwa li ttaqqal lil G H bit-tieni tifel tieghu tlett xhur biss wara li bintu irceviet l-ittra minghand l-avukat tal-attur li ried is-separazzjoni. Skond ix-xhud huwa kien ikkommetta adulterju qabel ma ddecieda li jissepara.
Bint il-partijiet qallu li ra lil missieru jaqbad lil ommu minn xagharha fil-garage u jnizzilha mal-art u meta saqsha lil bintu C hija ikkonfermat dan. Huwa jghid li bintu ghamlet minn kollox biex tipprova ssalva s-sitwazzjoni u anke kien avvicina qassis li jaf lil Asew u talbu biex ikellem lil A izda risposta minn dan il-qassis qatt ma kellu.
Fl-affidavit taghha **Y D**, omm il-konvenuta (seduta 24.3.2017) xehdet li l-partijiet bdew johorgu flimkien fil-bidu ta' Settembru 2001, bintha kellha 19-il sena u l-attur kellu 17-il sena. Hija tghid li l-attur kien u baqa mohh ir-rih u ghaqal it-tfal. Kien fis-sena 2002 li ddecidew li jibdew idahlu lil A d-dar u anke stiednu lil niesu ghandhom. Huwa kien imur ghandhom kwazi kuljum u meta dahhal il-karozza hija kienet tinduna li wara ghax kien ikollu r-radju tal-karozza full on. Darba minnhom bintha cemplithom f'nofs ta' lejl

tinfurmahom li A kien raqad fuq li steering bil-konsegwenza li baqghu dehlin go arblu tad-dawl fil-bypass ta' B'Kara/Hal Lija. Aktar tard l-attur ittella l-Qorti u kellu jhallas l-ispejjez tal-arblu.
Hija tghid li l-attur ma ghandu xejn xi jghid kontra taghha ghax dejjem hadet hsiebu meta kien ikun ghandha, taghti jiekol milli kienet issajjar u anke rigali kienu tixtrilu ghal kull okkazjoni, bhal birthday su Milied avolja kienet taf liommu ftit li xejn kienet taghtiha rigali lil bintha. Meta l-attur gie ordna jitlaq mid-dar matrimonjali mil-Qorti f'Awwissu 2014 hija wegghat hafna bil-klikem li qallha meta lil bintha qallha "Iddahhalx terzi persuni go dari" meta hija kienet qed tghid lil bintha ttella l-baktijiet tax-xirja d-dar.
Hija tghid li omm l-attur dejjem kienet pezza kustjoni u dejjem tiftakar li ggieldet ma xi hadd minn hutha jew ma xi gara. Fi tnax il sena li l-partijiet damu flimkien jekk iltaqghu erba darbiet. Meta huma ghalqu hamsa u ghoxrin (25) sena mizzewgin l-konvenuta organizzatilhom ikla sorpriza go restaurant u meta marru ommu ma kienetx hemm u wara saret taf li ommu fl-ahhar sekonda qalghet l-inkwie tu ggieldet ma' A u ma marrietx ghall-ikla u lanqas missieru u ohtu z-zghira ma marru. L-ghada ommu marret habtitilha l-bieb u taghtha frame u wahlet fl-attur ghaliex ma marrux u spjegatilha li l-attur kien qed jinhasel u hija qabdet u dahlet fuqu u dak il-hin inhasad l-attur u imbotta l-bieb lura u inqalghet glieda shiha.
Hija kkonfermat li lill-partijiet kienu selfuhom LM6000 biex xtraw l-post iz-Zejtun u li hija xtaqet li sabu post aktar qrib ta' fejn toqghod hi. Huma kellhom jifthu kawza biex jiehdu s-somma ta' €5,600.
Hija taf li omm l-attur keccietu mid-dar tlett darbiet. Darba bintha qaltilha li l-attur kien raqad fil-karozza Ta Qali darbaohra kien raqad ghandha lej wiehed u xi sena qabel izzewgu fl-2008 ommu kienet kecciet lilu u lil ohtu P u haditilhom ic-cwievet. Ohtu marret toqghod ghand zitha Z oht ommu u lill-attur laqghuh f'darhom u kemm dam ghandom xi gimgha jekk mhux aktar hija kienet tiehu hsiebu qisu wiehed minn uliedha, tahsillu hwejgu u tghaddihomlu, taghmillu l-lunch ghax-xoghol u ssajjarlu.

Hija rrakuntat kif tlett xhur qabel izzewgu l-partijiet xi Mejju 2009 l-attur telaq mid-dar tal-genituri tieghu minhabba hafna tilwim li kellu u mar joqghod fid-dar tal-partijiet fiz-zejtun. Bintha kient tinsel kull

nhar ta’ Sibt tnaddaf id-dar, tahsillu hwejjeg ta’ gimgha shiha u anke kienet torqod mieghu fil-weekend halli ma jkunx wahda. Hi u zewgha kienu mhasbin dwar x’ser jigri fit-tieg peress li kien miksur minn mal-genituri tieghu u meta kienu jsaqsu lill-attur kien iwegibhom ‘jaghmlu huma’. Huwa ftit kien jiehu interess lanqas meta bintha C infurmatha li l-genituri teighu ma kienux sejrin it-tieg. Hija hietet il-purtieri tal-post u anke xtrawhom l-kamra tas-sodda, saqqu u linfa u lampshades parigg sabiex ikun l-attur jista johrog mid-dar dakinhar tat-tieg u r-ritratti jigu sbieh. L-attur ma gab xejn mieghu mid-dar ta’ ommu hlief ftit affarijiet personali mentri hija lil bintha taghtha dota li tinkludi lozor, xugamenti, facecloths ecc.

Sar it-tieg u meta bintha kellha lit-tifel F f’Lulju 2010 bintha batiet hafna biex weldet u mnalla kienet bintha l-ohra li hija nurse li qaghdet maghha u l-genituri tieghu lanqas biss dehru l-isptar u lanqas fil-Maghmudija ma attendew.

Hija ghamlet xi zmien ghand bintha peress li kienet maghdura hafna wara li weldet u l-attur ma kienet tarah jaghmel xejn id-dar u l-granet tieghu kien iqattaghhom ix-xoghol jew fil-garage isewwi l-karozi jew mal-ghasafar inkella fuq l-bejt mal-klieb. Bintha kienet hadet parental leave u meta hija regghet irritornat ghax-xoghol f’Settembru 2011 hija bdiet tiehu lit-tifel go nursery izda wara ghamel zmien marid u t-tabib qallha biex lit-tifel ma tibghatux aktar nursery u ghalhekk kienet izzomulha hi u rari omm l-attur. Izda meta bintha jew binhom kienu jkunu ma jifilhux l-attur kien dejjem jghid lil C biex icempel lil ommha flok jiehu hsiebhom hu u kien ikollha tinzel b’tal-linja minn H K ghaz-Zejtun u gieli kien ikollha tqajjem lir-ragel xi l-ghaxra ta’ bil-lejl biex imur ghaliha ghax l-attur ma kienx iwassalha lura d-dar. Kien ghalhekk li hija bdiet tiehu lezzjonijiet tas-sewqat biex tkun tista tghin lil bintha.

Hija tghid li lil bintha kienet tithassarha kull filghdou twassal lit-tifel ghandha miz-Zejtun ghal H’K u wara x-xoghol Hal Kirkop terga tmur ghalih H K u l-attur ghalkemm kien u ghadu jahdem il-Marsa nofs triq qatt ma gabu hu lit-tifel filghodu.

F'Jannar 2012 l-attur twebbel li ried jixtri garage iehor ghax kellu izjed minn karozza wahda u hafna parts tal-karozzi u ma kellux spazju fejn ipoggiha  u ghal darbohra bintha C saqsiehom biex iselfuhom xi flus u zewgha u bintha VV selfuhom €3800 li kellhom jithalsu lura taghhom meta jinbiegh l-garage.

Meta t-tifel tal-partijiet F beda jmur l-iskola f'Settembru 2013 hija kienet tiehdu hija l-iskola filghodu u tmur ghalih fis-2.3pm u minkejja li l-attur kien jispicca mix-xoghol fis-2pm rari kien imur ghali hu l-iskola minflok bintha kienet tmur ghalih minn Hal Kirkop ghal H K u terga tinsel iz-Zejtun.

Omm l-attrici tikkontendi li f'Novembru 2013 li bintha infurmatha li irceviet ittra minghand l-avukat tal-attur li fiha infurmatha li huwa ried jissepara.  Hija tghid li l-attur ma riedx jitkellem ghax id-decizjoni kien hadha u li huwa kien gi jaqa u jqum minn bintha u binhom u li ma kienx jaghtiha sehmu ghax-xiri tal-hajja u lanqas manteniment ghat-tifel u kienu jaghmlu tajjeb ghali hija u zewgha.  Kien anke siefer u mar Londra l-attur fi Frar/Marzu 2014.

Kien biss ftit wara li bdiet hierga l-verita meta xi familjari taghha raw lill-attur jippassigga tas-Sliem amal-partner G H u bintha Kaily u tlett xhur wara fi Frar 2014 l-attur kien qed jistemma tarbija minnha li twieldet tifel Niall f'Novembru 2014.

Gara li fil-15 ta' Dicembru 2015 l-konvenuta ma kientx tiflah u kienet ghandha biex tiehu shieb u meta kien ikollu l-access tat-tifel l-attur ma kienx imur ghalih hu izda jibghat lill-ommu mal-partner tieghu G H.  Gara li meta marret tiehu t-tifel ghall-access waslet tard ghax inqadbet fit-traffiku u lanqas il-mobile ma kellha fuqha u meta waslet lemhet lill omm l-attur f'nofs tat-triq bil-kmiem tal-flokk imxamrin sal-minkeb u jdejha fuq qaddha lesta ghal glied.  Minnufiha ommu bdiet tghajjat kemm tiflah u tghajjarha 'qahba' u titkellem hazin u anke girfitha f'wiccha.  Kien sar rapport l-ghassa u marret taghmel certifikat mediku l-poliklinika u telghu l-Qorti fl-14 ta' April 2016 quddiem il-Magistrat A D Trigona. Dakinhar gara li x'hin hargu mill-awla omm l-attur qabditha bil-komma b'mod aggressive u r-ragel

dahal jigri jinforma lil Magistrat b'dan u fuq rapport tal-istess magistrat marru jaghmlulha rapport l-ghassa tal-Belt.

Mill-employment history sheet tal-attur (seduta 14.7.2015) jirrizulta li meta zzewgu l-partijiet kien jahdem truck driver il-Freeport.

Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2017 l-ispettur Johann Fenech prezenta rapport li sar fil-konfront tal-attur (Dok P(i) minn Stefan Cachia u kkonferma li proceduri kontra l-attur ma kienx hemm. Tali rapport jghid li fil-21 ta' Dicembru 2016 dan Stefan Cachia mar jaghti qalziet lil konvenuta fir-residenza 37 Afrodite Triq Hal Gwann Zejtun u meta kien qieghed fil-bieb ta' barra l-attur hadlu ritratt u qalli 'aw sabih issa narak il-qorti' u baq sejjer. Skond l-attur dan sar stante li l-konvenuta u binhom biss jistghu jirrisjedu f'tali fond.

Il-konvenuta ipprezentat 14-ir-rapport li ghamlet l-ghassa tal-pulizija fil-konfront tal-attur (seduta 8.5.2017) filwaqt li l-attur ipprezenta

Konsiderazzjonijiet

Il-perit legali tosserva li meta tigi biex tikkunsidra l-attribuzzjoni tal-ħtija l-Qrati taghna dejjem irritenew li wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni mhux incident izolat izda serje ta' indicidenti li joffendu lil parti b'mod li lil dik il-persuna jattewawha negattivament u b'mod profond.

Kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri ('*Caterina Agius vs benedict Agius" Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967* liema episodji 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha furur, ezaverbazzjoni u avverzjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (*Vol. XXXI.P.1.200; Vol XXVI P1 p.246*).

In oltre jigi rilevat ukoll li biex ikun hemm htija ma hemmx ghalfejn jikkonkorru s-sevizzi, l-ingurji gravi, t-theddid u l-minacci kollha flimkien izda huwa bizzejjed li jigi ppruvat wiehed minnhom. Il-perit legali hawn

taghmel referenza ghal-kawza fl-ismijiet "*Elisa Thompson vs Edward Thompson (PA 12/5/1925*) fejn din il-Qorti dakinhar sostniet illi:

"*Issa kif inhu pacifiku "puche' il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e' necessrio che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingurie gravi ma qualunque di tale cause da sola basta, perche' sia tale da violare profondametne I riguardi della convivenza coniugale."*

L-attur qed jibbaza r-ragunijiet ghal htija tal-firda attribwibli lil konvenuta minhabba sevizzi, eccezzi, minacci u ingurji. Il-konvenuta fil-kontro-talba taghha a fol 23 titlob li l-htija hija imputabbli lill-attur izda ma ssemmi ebda ragunijiet ghaliex.

*Kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri* ('**Caterina Agius vs benedict Agius" Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967**) liema episodji '*joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha fulur, ezaverbazzjoni u avverzjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom* (**Vol. XXXI.P.1.200; Vol XXVI P1 p.246).**

**(a) Eccessi**

Il-kelma eccessi tinkludi dawk l-atti ta' vjolenza li jipperikolaw il-hajja jew is-sahha ta' dik il-persuna kontra min huma diretti. Il-vjolenza trid tkun wahda ta' natura gravi. Skond il-gurisprudenza locali eccessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-ohra liema atti jridu jkunu ta' serjeta kbira li niente di meno jridu jkunu ta' perikolu ghall-hajja tal-parti l-ohra (ara Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza 30 ta' Gunju 1961 fejn inghad li fil-kuntest ta' separazzjoni bejn il-partijiet "*certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew atttegjament li jistghu jrrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji.." .*

Hekk, per ezempju, "biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien ('*Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud' Appell Civili, 21 ta' Frar 1969).*

Huwa f'dan il-kuntest li l-perit legali trid tikkunsidra jekk l-provi prodotti jwaslux ghar-ragunijiet tal-firda li kull parti tatribwixxi lill-ohra.

**(b)Mohqrija**

L-artikolu 40 tal-Kodici civili jaghmel referenza ghall-mohqrija izda mhux ghal sevizzji izda mill-gurisprudenza jidher li l-kelma mohqrija u sevizzji jfissru l-istess haga.

Fil-kawza Camilleri utrinque deciza fis-16 ta' Marzu 1898 il-Qorti Civili kienet qalet:

"*Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di volui e sono diretti al punto da ingenerare in lui pertubazione, un dolore ed un avversione verso che commette tali atti".*

Fil-kawza Maria Mifsud v Vincenzo Mifsud deciza fit-30 ta' Gunju 1961 il-Qorit qalet:

"*certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti li jistghu irrendu l-hajja komuni insopportabbli huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji".*

**(C). Offizi Gravi**

Dan jinkludu kliem jew agir li joffendu l-unur u l-pudur ta' dak li jkun kinkejja li dawn jirreferu ghall-affarijiet veru jew foloz.

Fil-kawza Camilleri utrinque deciza fis-16 ta' Marzu 1898 il-Qorti Civili kienet qalet:

“Le ingurie, per essere causa di separazione devono essere gravi u non semplici inventive scambiate reciprocamente dai coniugi queante insiema si querelavono.”

**(d)Ingurji Gravi**

L-eccessi u ingurji gravi jridu jkunu tali li ‘joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b’mod li jiggeneraw fiha dulur, ezasberazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (**Vol.XXXI .P.I.200; Vol XXVI PI p.246**).

Kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, ma hemmx ghalfejn li jikkonkorru s-sevizzi, l-ingurji gravi, t-theddid u l-minacci kollha flimkien izda huwa sufficjent li jigi ppruvat wiehed minhhom. Fil-kawza ismijiet “**Elisa Thompson vs Edward Thompson (PA 12/5/1925)** fejn din il-Qorti dakinhar sostniet illi:

“Issa kif inhu pacifiku “puche’ il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il-coniuge colpevole non e’ necessrio che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingurie gravi ma qualunque di tale cause da sola basta, perche’ sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale.”

Li ‘indizji u prezunzjonijiet purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti b’mod li ma jhallu ebda dubju f’min ghandu jiggudika”. (Rita Spiteri vs Av Dr Albert V Grech et noe (PA (CC) kollez. XXXVII.II.693). Hekk, per ezempju, “biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta’ xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f’certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien (‘Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud’ Appell Civili, 21 ta’ Frar 1969).

Dan fl-ebda grad ma huwa tollerat billi kif jinsab ritenut dawn ‘joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b’mod li jiggeneraw fiha dulur, ezaverbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (Vol.XXXI .P.I.200; Vol XXVI PI p.246).

Mil-provi jirrizulta li l-partijiet kienu gejjin minn ambjent familjari differenti – huwa kellu problemi mal-genituri tieghu tant li mhux l-ewwel darba li ommu tefghatu barra mid-dar filwaqt li l-konvenuta kienet gejja minn ambjent familjari aktar stabbli li provdielha wkoll adukazzjoni terzjarja, filwaqt li l-attur kien bniedem tas-sengha izda li ma marx universita. Dak iz-zmien tali haga l-konvenuta ma dejqitiex tant li zzewgitu filwaqt li f'dawn il-proceduri hija pruvat taghmel kapital minnha. Kien hemm hafna dizgwid bejn il-familji taz-zewg partijiet tant li l-familja tal-attur lanqas ghat-tieg ma marret.

Irrizulta li l-attur kien jahdem ghal familja u rrizulta wkoll li huwa ftit li xejn kien ikollu hin ghal familja anke meta hija kienet tqila minhabba li kien idum xoghol tard. Anke meta l-konvenut regghet harget tahdem bhala ghalliema, hija sabet koperazzjoni mil-genituri taghha u anke tieghu u jidher ghalhekk li l-kwistjoni familjari li kellu l-attur ma' ommu kienet tjiebet.

Ghalkemm il-partijiet ippruvaw isalvaw dan iz-zwieg dan kien kollu ghal xejn u llum kull parti stabiliet hajja ohra ma' persuna ohra u anke fformaw familja. Veru li l-attur beda r-relazzjoni mas-siehba li ghandu fil-prezent meta kien ghadu d-dar izda veru wkoll li meta gara dan ir-relazzjoni kienet ilha li spiccat bejn il-partijiet. Ghalkemm il-konvenuta tghid li li kien ghaliha hija salvat dan iz-zwieg mil-provi prodotti ma jirrizulta xejn minn dan stante li l-kwistjonijiet ta' bejniethom dejjem baqghu jeskalaw sakemm waslu f'dawn il-proceduri. Il-konvenut mil-banda l-ohra baqa jinsisti biex ma jhallasx id-dejn li kellu mal-genituri tal-mara tant li dawn kellhom jifthu kawza fic-civil u dan ma ghen xejn fir-relazzjoni ta' bejn iz-zewg familji.

Mil-provi hawn fuq imsemmija jirrizulta fl-umli fehma tal-perit legali li l-htija tal-firda hija attribwibbli kwantu ghal sittin fil-mija (60%) lill-attur u erbghin fil-mija (40%) lil mara senjatament minhabba l-adulterju kommess mill-attur. Fis-16 ta' Novembru 2014 l-attur kellu tifel minn relazzjoni li kellu u ghand ghandu ma G H.

Dwar l-adulterju, kif taf tajjeb din il-Qorti, ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna, fosthom fil-kawza Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et

noe (PA (CC) kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "*hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adultejru jista jkun pruvat permezz ta' indizji u prezuzjonijiet purche dawn ikun gravi, precizi, u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika*.".

Veru li kien hemm problemi f'dan iz-zwieg u veru li z-zewg partijiet kienu jipprovokaw lil xulxin, jghajru lil xulxin u rrendew il-hajja ta' xulxin b'mod insopportabbli f'dan iz-zwieg izda veru wkoll li dan ma jaghtix licenzja lill-ebda parti li tikkommetti adulterju waqt li hija tkun ghadha mizzewga.

Dwar l-applikazzjoni tal-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kap 16 mitluba mir-ragel fil-konfront tal-mara l-konvenuta u tal-artikoli 48 ( c) u 55A tal-Kap 16 mitluba mill-konvenuta fil-kontro-talba taghha kontra l-attur, jigi rilevat li l-artikolu 50 tal-Kodici Civili kien thassar u ma ghadux aktar fis-sehh filwaqt li l-Artikolu 55A ma japplikax stante li d-dar matrimonjali llum inbieghet u t-tifel tal-partijiet illum huwa maggorenni.

Dwar l-artikolu 48 tal-Kap 16 in vista li l-esponenti hija tal-fehma li dan ghandu japplika b'effett minn meta beda r-relazzjoni ma' G H li jekk wiehed jikkonsidra li t-tifel li kellu l-attur ma' G H twieled fis-16 ta' Novembru 2014 u cioe mis-16 ta' Frar 2014 zgur cioe disa xhur qabel weldet u minn dakinhar sal-lum ma jirrizultax li l-partijiet xtraw xi assi wara din id-data, tali artikolu lanqas ma huwa applikabbli. Veru li l-attrici llum ghandha tarbija minn relazzjoni li ghandha ma haddiehor izda dan gara ferm wara r-relazzjoni li beda l-attur u wara li l-partijiet kienu separati ' de facto'.

Dwar l-artikolu 51 tal-Kap 16 il-perit legali mhix tal-fehma li ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu stante li l-eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi kien hemm da parti taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin."

Illi l-Perit Legali sussegwentement waslet ghas-segwenti konkluzjonijiet:

**“Talbiet tal-attur**

L-ewwel talba – din ghandha tigi milqugha izda l-attur ghandu sittin fil-mija (60%) tal-htija filwaqt li l-mara ghandha l-erbghin fil-mija (40%) tat-tort.

It-tieni talba - din ghandha tigi milqugha izda l-artikolu 48(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta japplika biss mid-data tas-16 ta’ Frar 2014 cioe minn disgha xhur qabel twieled Niall B H t-tifel tal-attur minn relazzjoni li kellu u ghad ghandu ma’ G H.
It-tielet talba _ din ghandha tigi milqugha
Ir-raba talba – din ghandha tigi milqugha
Il-hames talba – din ghandha tigi michuda
Is-seba talba – din ghandha tigi milqugha
It-tmien talba – din ghandha tigi milqugha
Id-disa talba – din ghandha tigi milqugha.

**Talbiet kontro-talba tal-konvenuta (fol 23)**

L-ewwel talba – din ghandha tigi milqugha izda l-artikolu 48(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta japplika biss mid-data tas-16 ta’ Frar 2014 cioe minn disgha xhur qabel twieled Niall B H t-tifel tal-attur minn relazzjoni li kellu u ghad ghandu ma’ G H.
It-tieni talba – din solvolata stante li d-dar illum inbieghet
It-tielet talba – din sorvolata stante li t-tifel illum huwa maggorenni.
It-tielet talba – din ghandha tigi michuda fil-konfront ta’ l-attrici biss stante li z-zewg partijiet ddekadew u kif ukoll it-tnejn jahdmu full-time. Dwar it-tifel tal-partijiet li ghandu jistudja full time dan , fl-umli fehma tal-esponenti, ghalhekk , l-manteniment li ghandu jippercepixxi r-ragel versu ibnu ghandu jibqa dak stabilit mil-Qorti, ermezz ta’ digriet tal-4 ta’ Awissu 2014 (fol 173 et) cioe s-somma ta’ tlett mitt ewro (€300) oltre nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha u li tali manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Dan tenut kont li d-dhul tal-partijiet huwa verosimili.

U dan kemm il darba it-tifel jibqa jirrisjedi mal-Omm u kemm-il darba t-tifel imur jghix ghal rasu waqt li jkun ghadu jistudju full time tali manteniment jibda jithallas direttament lit-tifel u jekk it-tifel imur jghix mal-missier, tali manteniment jibda jkun dovut mill-omm. F'kull eventwalita tali manteniment jibqa dovut sakemm t-tifel jibqa jistudja full-time jew sal-eta ta' tlieta (23) sena liema wahda tavvera ruhha l-ewwel. Nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha jibqghu dovuti mil-partijiet b'mod ugwali bejniethom sakemm it-tifel jibqa jistudja full-time jew sal-eta ta' tlieta (23) sena liema wahda tavvera ruhha l-ewwel.
Dwar il-hames talba – japplikaw d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 © tal-Kodici Civilib'effett mit-16 ta' Frar 2014
Dwar is-sitt talba – din ghandha tigi milqugha u s-sanzjonijiet limitatament ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 48C tal-Kodici Civili
Is-seba talba – din ghandha tigi milqugha
It-tmien talba – din ghandha tigi milqugha.
Il-partijiet huma wkoll eligibbli sabiex jitolbu li l-Qorti tordna l-hall taz-zwieg stante li ilhom separati de facto ghal aktar minn erba snin.

Tant l-esponenti ghandha x'tissottometti lil dina l-Onorabbli Qorti."

Illi l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u mal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Perit Legali Dr. Anna Mallia, ħlief għal-fatt li t-tifel F għadu minuri u mhuwiex maġġorenni kif qalet il-Perit Legali. Għalhekk, tordna kif ġej fir-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri u fir-rigward tal-aċċess:

<u>Kura u Kustodja.</u>
Ir-rikorrent, fil-ħames talba tiegħu, talab illi l-kura u kustodja tal-minuri F tiġi fdata esklussivament f'idejh, u fin-nuqqas talab li jingħata aċċess adegwat. Min-naħa l-oħra, fil-kontro-talba il-konvenuta rikonvenzjonanta talbet tramite fit-tielet talba tagħha li l-Qorti tordna li l-kura u kustodja ta' F tiġi fdata esklussivament lilha, salv aċċess tar-rikorrent. In eskussjoni, l-Perit Legali kkonstatat li l-kura u kustodja tal-minuri F għandha tkun konġunta bejn il-partijiet.

Illi f'każijiet bħal dawn, kif tajjeb ritenut fil-ġurisprudenza nostrana, l-interess suprem tal-minuri huwa l-prinċipju predominanti. Illi jirriżulta li sal-lum, il-wild kien qed jitrabba u jiġi kkurat prinċipalment mill-omm,

billi hija kienet qed tieħu ħsieb il-ħtiġijiet kollha tiegħu, kemm skolastiċi kif ukoll mediċi. Jirriżulta mill-assjem tal-provi li l-omm uriet aktar responsabbiltà` f'dak li jikkonċerna t-trobbija u l-edukazzjoni tat-tifel. Inoltre`, fid-digriet tal-Qorti datat 4 ta' Awissu 2014, l-omm ingħatat il-kura u kustodja konġunta u ġie ordnat li F jibqa' jirrisjedi mal-omm, fid-dar matrimonjali li kienu jirrisjedu fiha b'esklużjoni ta' terzi u b'esklużjoni tar-rikorrent. Illi llum il-ġurnata d-dar matrimonjali inbiegħet iżda l-wild għadu jirrisjedu mal-omm. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kura u kustodja għandha tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn l-omm il-konvenuta, bl-aċċess kif ser jiġi hawnhekk stipulat.

Dwar l-aċċess, din il-Qorti ser iżżomm mad-dati u ħinijiet ta' aċċess kif stipulati fid-digriet tal-Qorti datat 4 ta' Awissu 2014, anke peress li fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta, ġie sottomess li m'hemm l-ebda oġġezzjoni għal dan, stante li l-minuri kien dam sakemm addatta ruħu għal dawn il-ħinijiet ta' aċċess, u għalhekk ikun fl-interess tal-minuri li jinżammu l-istess ħinijiet mingħajr tibdiliet, biex tinżamm l-istess rutina. Madankollu, din il-Qorti xorta ser tiffissa aċċess adegwat għar-rikorrent. Għalhekk, l-aċċess għandu jkun kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Ħamis bejn il-5.00p.m. u s-7.30p.m. u 'sleepover' mill-Ġimgħa għas-Sibt, jew mis-Sibt għall-Ħadd mill-5.00p.m. sal-5.00p.m.

<u>DEĊIDE</u>

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi B iżda r-rikorrent għandu sittin fil-mija (60%) tal-ħtija filwaqt li l-intimata għandha erbgħin fil-mija (40%) tal-ħtija.
2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent, billi tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta, iżda b'dan illi l-artikolu 48(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta japplika biss mid-data tas-16 ta' Frar 2014, ċjoe` min disa' xhur qabel twieled Niall B H , it-tifel tar-rikorrent minn relazzjoni li kellu ma' G H.

3. Il-Qorti kienet diġa laqgħet din it-talba b' sentenza datata 15 t' Ottubru 2015.
4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-Komunjoni tal-Akkwisti skont dak indikat fit-Titolu Dwar it-Terminazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti.
5. Tiċħad il-ħames talba tar-rikorrent dwar il-kura u kustodja. Tiffissa ħinijiet ta' aċċess għar-rikorrent kif stipulat fis-sub titolu <u>Kura u Kustodja</u>.
6. Tiċħad is-sitt talba tar-rikorrent.
7. Tilqa' s-seba' talba u tinnomina lin-Nutar Dr. Sean Critien biex jirċievi l-att ta' diviżjoni relattiv, u l-kuratur sabiex jirrappreżenta lill-evantwali kontumaci.
8. Tilqa' t-tmien talba u tikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkonsenja fi żmien qasir l-oġġetti parafernali tar-rikorrenti skont kif elenkat tat it-titlu <u>Assi Parafernali tar-rikorrent</u>.
9. Tilqa' d-disa' talba u tawtorizza lir-rikorrenti jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti.

<u>Kontro-talba</u>

1. Tilqa' l-ewwel talba u tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u l-artikolu 48(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta japplika biss mid-data tas-16 ta' Frar 2014, u cjoe` minn disa' xhur qabel twieled Niall B H, iben ir-rikorrent mir-relazzjoni li kellu u għad għandu ma' G H.
2. Dwar it-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta li tkompli tgħix fid-dar matrimonjali ma' binha F, din it-talb hija llum sorvolata stante li d-dar matrimonjali inbiegħet. Għalhekk, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.
3. Tilqa' t-tielet talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u tordna li l-kura u kustodja tat-tifel F tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn il-konvenuta salv għall-aċċess tar-rikorrent kif stabbilit f'din is-sentenza.
4. Tilqa' limitatament ir-raba' talba u tordna lil A B jħallas lill-konvenuta manteniment għal ibnu F fl-ammont ta' tlett mitt Ewro fix-xahar (Ewro 300). Dan il-manteniment jiżdied kull

sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ajja. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm l-iben F jagħlaq it-tmintax il sena jew jibda jaħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-wild tal-partijiet jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk it-tifel jiddeċiedi li jmur jgħix għal-rasu, il-manteniment jitħallas direttament lilu. Il-manteniment jista' jinqata` direttament mis-salarju tar-rikorrent u jithallas direttament lill-konvenuta. Tiċħad it-talba għall-ħlas tal-manteniment lill-konvenuta.

5. Tilqa' l-ħames talba u tapplika kontra r-rikorrent d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kap 16 b'mod li l-artikolu 48(c) japplika b'effett mis-16 ta' Frar 2014.
6. Kif diġa ntqal il-Qorti kienet diġa' xoljiet il-Komunjoni tal-Akkwisti bejn il-partijiet, il-Qorti tilqa' għalhekk it-talba għall-likwidazzjoni u xoljiment tal-istess komunjoni skont dak indikat fit-Titolu Dwar it-Terminazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti, u tordna li s-sanzjonijiet imsemmija fil-hames talba għandhom japplikaw għal dak li jirrigwarda limitatament l-artikolu 48(c) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
7. Tilqa' s-seba' talba u tinnomina n-nutar Dr. Sean Critien sabiex jirċievi l-att ta' diviżjoni u kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.
8. Tilqa' t-tmien talba u tordna lir-rikorrent jikkonsenja lill-konvenuta l-beni kollha parafernali, ossija l-valur tagħhom, skont kif indikat fit-Titolu Assi Parafernali tal-Konvenuta.

Bl-ispejjeż jitħallsu sittin fil-mija (60%) mir-rikorrent u erbgħin fil-mija (40%) mill-konvenuta.